# Il-Ħajja f'Għawdex

Nru. 874 LEĦEN L-GĦAWDXIN Diċembru 2005



GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
Il-Ħajja.
(Classification)
GAD 133013 7/08
Acquisition No. Date
This book has been donated by:
J. Meylaq



# 'DUN MARIO'

## Isqof Ġdid għall-Għawdxin



Kotba Reliġjużi bil-Malti?
ejjew nitolbu
TADEUSZ DAJCZER
X'NEMMEN?
Il-Fidi Mistħarrġa
Is-Sena ta' l-EWKARISTIJA
Erba' Dokumenti Pontifiċji
JOAN CARROLL
Lejn is-Sema Pajjiżna
Lejn is-Sema Pajjiżna
Ngħixu fil-Mulej
F'Marzu ma' San Ġużepp
Aktar minn 200 titlu
differenti mnejn tagħżel
għall-formazzjoni
spiritwali tiegħek... jew
bħala rigal għal ħbiebek!
Il-marka li
jafha kulħadd!
LUMEN CHRISTI
PUBLICATIONS
LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex
Tel: 21560496 Fax: 21561860

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 874***
***Diċembru 2005***
**Maħruġa mid-**
**Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Il-Ħatra ta' l-E.T. Dun Mario Grech • 9
Fehmet il-Qarrejja • 11
L-Intervista - Il-Milied f'Ta' Sannat • 12
L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju • 14
Il-Chorus Urbanus • 16
Is-Sett Ġdid tal-Bolli • 18
Versi Riflessivi • 19
Riflessjonijiet ta' ACM • 20
Ktieb x'Taqra • 22
Għawdex 300 sena ilu • 23
Il-Misteru tal-Ewkaristija (6) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (41) • 26
Meditazzjoni Biblika • 28
Il-Milied fil-Letteratura • 30
Xhieda Nisranija: Mons. A Vella (2) • 32
Mill-Knisja fid-Dinja • 33
Għawdxin li għandna niftakru • 34
Passiġġata Biblika (12) • 36
Werrej Ġenerali • 39

**Ritratti:** *Ħajr lil Scerri Photo Studio għar-ritratti ta' l-Isqof Grech, Charles Camilleri, u Joe Zammit għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*




# *FERĦ DOPPJU!*

*Iż-żmien ta' l-Avvent huwa żmien ikkaratterizzat mit-tama – tant ippersonifikata tajjeb fil-messaġġ bażiku tal-profeta Isaija li jakkumpanjana matul dan iż-żmien liturġiku qawwi. Hija tama taż-żmien Messjaniku, żmien il-milja u t-twettieq tal-wegħdiet imħabbra. U din it-tama, il-Liturġija, f'dan iż-żmien partikulari tistedinna ta' kull sena biex ngħixuha mill-ġdid, biex tgħinna fil-konverżjoni tagħna u fl-istess ħin fl-istennija ferrieħa tagħna tal-Mulej li ġej.*

*Propju nhar is-Sibt 26 ta' Novembru, fl-istess jum li fih il-Knisja Kattolika, b'din it-tama mġedda, daħlet f'Sena Liturġika Ġdida, u tat bidu għaż-żmien ta' l-Avvent, id-Djoċesi Għawdxija ferħet bl-aħbar tal-ħatra ta' Isqof ġdid fl-persuna tal-Kappillan il-Kan. Dun Mario Grech biex jieħu post l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi li aktar kmieni, f'Marzu ta' sentejn ilu, kien offra lis-Santa Sede ir-riżenja tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex.*

*Bla dubju ta' xejn aħbar bħal din qanqlet ferħ kbir fostna lkoll, żgħar u kbar, li sa mill-mument tar-riżenja ta' l-Isqof Cauchi, stennejna u tlabna għall-ħatra ta' Isqof ġdid li kellu jieħu f'idejh il-kura pastorali tad-Djoċesi tagħna.*

*Għaldaqstant minbarra s-sentimenti ta' ferħ, mument bħal dan awtomatikament inissel ukoll fina sentimenti ta' Radd il-Ħajr lil Alla talli għoġbu jagħżlilna Ragħaj Ġdid, skond il-qalb tiegħu, għall-merħla li minnha aħna nagħmlu parti.*

*Iżda l-istess sentimenti ta' radd il-ħajr, bl-istess mod awtomatiku, jmorru lejn il-persuna tal-maħbub Isqof l-Eċċ. T. Mons Nikol Cauchi li għal dawn l-aħħar kważi 38 sena – 5 snin minnhom bħala amministratur appostoliku u 32 sena bħala s-Seba' Isqof ta' Għawdex, qeda fedelment l-uffiċċju tiegħu ta' Ragħaj tad-Djoċesi tagħna b'imħabba speċjali u dedikazzjoni totali sa l-aħħar.*

*Minn awl id-dinja, kull ħaġa ġdida, sew jekk oġġett u wisq iżjed persuna li se tibda tokkupa kariga ġdida, tnissel aspettattivi ġodda, idejat ġodda u fuq kollox tamiet ġodda. U bla dubju ta' xejn il-ħatra ta' Isqof Ġdid għad-Djoċesi tagħna tnissel fina dawn is-sentimenti kollha. Kull min jaf mill-qrib lil "Dun Mario Grech", hu konxju tal-kwalitajiet sbieħ li bihom hu mżejjen u dan naturalment jawgura li t-tamiet li lkoll għandna f'qalbna f'dawn il-mumenti, jistgħu jiġu milħuqa bil-koperazzjoni tagħna lkoll.*

*Nemmnu wkoll li bil-għajnuna t'Alla d-Djoċesi tagħna minkejja li għandha quddiemha sfidi mhux żgħar, se tkun afdata f'idejn abbli u sodi, imsaħħin dejjem bil-grazzja t'Alla, li se jkomplu jħarsuha minn kull periklu, hekk kif "ir-Ragħaj it-Tajjeb iħares il-merħla tiegħu u għaliha jagħti ħajtu".*

*J'Alla dawn it-tamiet qaddisa ta' dan iż-żmien iwassluna lkoll biex magħquda flimkien mal-Missier tagħna l-Papa, u mar-Ragħaj Spritwali l-Ġdid tagħħna, nkomplu nimxu 'l quddiem bil-ferħ sa ma naslu fil-mergħat ta' dejjem!*

*F'ismi, f'isem il-kollaboraturi u l-qarrejja kollha ta' "Il-Ħajja f'Għawdex", filwaqt li nawguraw lill-Isqof il-Ġdid l-E.T. Mons Mario Grech, ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej fid-Djoċesi tagħna, nroddu wkoll ħajr lill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi tal-ħidma sfiqa li wettaq fostna matul l-Episkopat tiegħu.*

*Awguri wkoll għall-Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija Paċi u Barka mis-Sema lill-qarrejja kollha tagħna!*

***Dun Ruben Micallef***




### *Iċ-Ċensiment ta' l-Attendenza tal-Quddies nhar ta' Ħadd*

Bi tħejjija għaċ-ċensiment tal-quddies, nhar il-5 ta' Novembru nżammet laqgħa fis-Seminarju għall-enumeraturi, u li tmexxiet minn żewġ saċerdoti Maltin, mid-*Discern* li kellhom f'idejhom l-organizzazzjoni ta' dan iċ-ċensiment. Iż-żewġ saċerdoti Għawdxin responsabbili minn dan iċ-ċensiment fi gżiritna kienu Mons. Karm Hili flimkien ma' Mons. Salv Borg. Tul din il-laqgħa ġie spjegat kif l-proċedura li biha kellhom jitqassmu u jinġabru l-formoli wara li jkunu ġew mimlija kif suppost. Iċ-ċensiment sar aktar tard f'Novembru sewwa sew is-Sibt u l-Ħadd 19 u 20 ta' Novembru, Sollennità ta' Kristu Re. Kien propju fl-aħħar ta' Novembru li l-formoli kollha ntbagħtu Malta sabiex jiġu analizzati u studjati bir-reqqa b'mod xjentifiku.

### *Għeluq il-25 sena mill-mewt tal-Fundatur tal-Legion of Mary*

Nhar il-Ħadd 6 ta' Novembru saret konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu, ppreseduta minn Mons. Isqof Cauchi sabiex jiġi mfakkar is-Serv t'Alla Frank Duff, il-fundatur tal-*Legion of Mary*. Għal din il-quddiesa attendew għaliha il-membri kollha Għawdxin fi ħdan il-*Legion of Mary*. Waqt l-omelija, Mons. Isqof tkellem dwar l-appostolat li l-lajċi jwettqu fil-*Legion of Mary* u faħħar uħud mill-virtujiet tal-fundatur ta' l-istess għaqda u ħeġġeġ lil-leġjunarji kollha sabiex jimxu fuq il-passi tiegħu fit-triq għall-qdusija.



### *Il-Jum tal-Vittmi tat-Traffiku*

Il-Jum tal-Vittmi tat-Traffiku li beda jsir fid-Djoċesi fis-sena 2001, din is-sena inżamm nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2005, u kellu bħala motto: "Għożż il-ħajja tiegħek u ta' ħaddieħor". Għal din l-okkażjoni Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fis-Santwarju Bażilka ta' Pinu għal dawk li soffrew b'xi mod jew b'ieħor minn dawn l-inċidenti tat-traffiku.

### *Festa Liturġika ta' Kristu Sultan*



Nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru, fid-Djoċesi ta' Għawdex ġiet iċċelebrata l-Festa ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu, permezz ta' manifestazzjoni pubblika li bdiet quddiem il-monument ta' Kristu Sultan fi Pjazza Indipendenza, Victoria, fejn rappreżentanti mill-parroċċi kollha t'Għawdex poġġew bukketti ta' fjuri u wara sar il-korteo mill-ġemgħa preżenti lejn il-kumpless sportiv fejn saret ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla, kant, mima dwar it-tema magħżula: 'Kristu fl-Ewkaristija, tama ta' l-umanita'. Tul din il-manifestazzjoni Mons. Isqof niseġ kelmtejn ta' l-okkażjoni fejn fost l-oħrajn saħaq fuq "l-importanza ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tan-nisrani u li mdawlin bit-tagħlim ta' Kristu, li twasslilna Ommna l-Knisja Mqaddsa u mqawwija bl-ikel spiritwali li joffrilna Kristu fl-Ewkaristija, aħna għandna nsiru tabilħaqq 'strument ta' paċi' fid-dinja, dawl għall-umanità, u bennejja tas-saltna tiegħu kif jeħtieġ li jkunu l-insara awtentiċi ta' żminijietna".

### *Jum il-Karità*

Nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru, barra li ħabtet il-Festa Liturġika ta' Kristu Sultan, fid-Djoċesi t'Għawdex ġie organizzat Jum il-Karità. Dan il-jum huwa okkażjoni sabiħa biex inkomplu noħolqu kuxjenza ikbar, li għall-bżonnijiet soċjali li għandna f'Għawdex, għandhom ikunu l-ewwel u qabel kulħadd l-Għawdxin infushom li jħossuhom responsabbli li juru solidarjetà nisranija. Il-ġabra li saret f'dan il-Jum ser tiġi mqassma f'okkażjoni apposta, u li ssir ta' kull sena, fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat Għawdex.

## *Il-Mewt tal-Missjunarju Sależjan Għawdxi Dun Karm Attard fl-Indja*

F'dawn l-aħħar jiem tħabbret il-mewt tas-Sależjan Dun Karm Attard, imwieled in-Nadur, illi ħalla din id-dinja, fl-Indja fejn kien ilu missjunarju sa minn età żgħira ħafna. Nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Bażilka tan-Nadur b'suffraġju għall-ruħu. Fl-omelija Mons. Isqof semma tliet aspetti mill-ħajja tal-mibki Dun Karm Attard. L-



ewwelnett li kien wild dehen tar-raħal tan-Nadur; ħabb lill-art twelidu; u kien saċerdot eżemplari u sależjan imħeġġeġ bl-ispirtu ta' San Ġwann Bosco u għalhekk biex jirbaħ l-erwieħ għall-Alla ħalla kollox u mar fl-Indja jgħallem u jikkonverti l-pagani.

## *Il-Ġimgħa b'Risq il-Persuni b'Diżabbiltà*

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa b'Risq il-Persuni b'Diżabbiltà, nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fis-Santwarju Bażilka ta' Pinu. Fl-omelija Mons. Isqof fost l-oħrajn qal li l-ħajja tal-bniedem hija dejjem prezzjuża anke fil-mumenti tal-mard u tax-xjuħija u b'hekk jeħtieġ li ngħixu verament bi spirtu nisrani dawn il-mumenti u noffru t-tbatija li nġarrbu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

## *Mons. Mario Grech maħtur it-tmien Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex*

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru, il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI għoġbu jaħtar lil Mons. Mario Grech bħala t-tmien



Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex u s-suċċessur ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi wara li dan issottometta r-riżenja tiegħu mill-kariga ta' Isqof ta' Għawdex, minħabba raġuni ta' età. Filgħodu, fil-Kurja ta' Għawdex, ir-rappreżentant tan-Nunzju Appostoliku f'Malta ppreżenta d-dokument tal-ħatra tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi lil Mons. Mario Grech fil-preżenza ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u xi saċerdoti oħra. Minn qalbna nifirħulu u nawgurawlu.

D-Bar Café
where friends are meeting!!
Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking
St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

# X'ġara dan l-aħħar



Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri

## Id-Duka ta' Edinburgh f'Għawdex







L-Altezza Rjali Tiegħu d-Duka ta' Edinburgh żar lil Għawdex nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru, bħala parti mill-programm taż-żjara statali tal-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta II fil-gżejjer Maltin. Id-Duka wasal Għawdex permezz ta' titjira bil-helikopter u kien akkumpanjat minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex. Mill-*heliport*, id-Duka telaq għal Pjazza Indipendenza (It-Tokk) fir-Rabat, fejn ġie milqugħ b'mod entużjast mill-ġemgħa li kienet tinkludi fost l-oħrajn tfal u residenti Brittaniċi f'Għawdex. Bħala sinjal ta' rispett, id-Duka qiegħed kuruna mal-monument tal-gwerra li jinsab fl-istess Pjazza. Minn hemm, id-Duka mexa lejn il-Ministeru għal Għawdex filwaqt li fit-toroq ltaqa' u tkellem ma' dawk kollha li kienu hemm biex jilqgħuh. Fil-Ministeru għal Għawdex, Giovanna Debono stiednet lill-Altezza Rjali Tiegħu għall-pranzu, u li għalih kienu wkoll mistiedna personalitajiet Għawdxin fosthom membri parlamentari u s-sindki. Wara l-pranzu, id-Duka ta' Edinburgh żar it-Tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra u l-kumpless ta' Magro Brothers fix-Xewkija. Din kienet il-ħames żjara tal-Prinċep Filippu f'Għawdex, ir-raba' żjara bħala Duka ta' Edinburgh.





## Festival Mediterranea u l-Opra "La Boheme"

Ir-raba' edizzjoni ta' *Festival Mediterranea*, organizzat mit-Teatru Astra f'Għawdex, din is-sena ppreżenta għadd ta' attivitajiet kulturali mifruxin kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Spikkat ir-rappreżentazzjoni doppja ta' l-opra lirika *La Boheme* bis-sehem tat-tenur ċelebri Malti Joseph Calleja flimkien ma' martu Tatiana Lisnic u kantanti internazzjonali oħra fosthom il-baritonu Taljan Marco Chingari, is-sopran Letizia Colajanni, il-baxx Gian Luca Breda u l-baxx Jaki

Jurgec. Ħadu sehem ukoll il-Kor ta' l-Opra tat-Teatru Astra li, din is-sena, kien awmentat mill-*Oxford Girls' Choir*, taħt it-tmexxija ta' Dr Maria Frendo, filwaqt li l-orkestra kienet dik nazzjonali. Il-Prof Mro Joseph Vella kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali filwaqt li Joseph Bascetta kien id-direttur artistiku. L-opra *La Boheme* hija l-attività li permezz tagħha fetaħ il-bibien tiegħu t-Teatru Astra wara x-xogħol ta' restawr li sar fih wara l-ħruq li ġarrab f'Novembru 2003. Minbarra l-opra, *Festival Mediterranea* kien jikkonsisti f'għadd ta' attivitajiet oħra mużikali u dawk marbuta mal-perijodu preistoriku ta' Malta. Fil-fatt, dwar dan il-qasam ta' l-aħħar, ġiet organizzata konferenza mifruxa fuq tlett ijiem bis-sehem ta' Dr David Trump, arkeologu prolifiku Ingliż, kif ukoll għadd ta' *lectures* f'diversi siti ta' interess f'Għawdex u f'Malta. Mil-lat mużikali, ma naqsux il-kunċerti fosthom dak mill-Banda Ċittadina La Stella, kunċert sinfoniku minn orkestra Daniża, kunċert ta' mużika jazz u ieħor ta' mużika barokka bis-sehem ta' l-*Oxford Girls' Choir* u l-inawgurazzjoni ta' orgni tas-seklu tmintax fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dan flimkien ma' għadd ta' wirjiet f'Għawdex kif ukoll festa ta' ikel u nbid Malti fit-Teatru Astra.

## *"For the Fallen" - serata kommemorattiva tal-Aħħar Gwerra*



Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet t'għeluq il-ħmistax-ilsena mit-twaqqif tiegħu, il-kor Għawdxi *Gaulitanus* ippreżenta serata mużiko-letterarja bit-titlu *For The Fallen* b'kommemorazzjoni tas-60 anniversarju mit-tieni Gwerra Dinjija. Din saret fil-knisja ta' Sant' Wistin ir-Rabat nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex. Il-parti letterarja kienet tikkonsisti f'poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Sar diskors mill-istoriku Għawdxi Rev. Monsinjur Dr Joe Bezzina li jġib it-titlu *Remembrance Day – A fleeting look back, another forward*. Il-parti mużikali bdiet billi l-akkumpanista tal-kor Stephen Attard daqq fuq l-orgni tal-knisja l-arranġament tiegħu ta' *The Mission* t'Ennio Morricone bl-isem *Microcosmic Morricone*. Imbagħad kien imiss is-solista prinċipali tal-kor, is-sopran Rita Dimech, li nterpretat *Il-mewt tas-sieħba*. Il-vjolinist żagħżugħ Jean Noel Attard interpreta *Lejn Ħajja Aħjar*. Mro. Attard, id-direttur u fundatur tal-kor li kien id-direttur artistiku tas-serata, mexxa l-kor *Gaulitanus* flimkien mas-sopran Rita Dimech u l-akkumpanist Stephen Attard fin-numru prinċipali tas-serata, *For The Fallen* ta' Edward Elgar. Lejn it-tmiem ta' din is-serata kommemorattiva l-kor *Gaulitanus* illanċja s-CD ġdida tiegħu bl-isem *Maria – A Celebration of Marian Hymns*.

## *Tħawwil ta' Siġar fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus f'Sannat*



F'dawn l-aħħar xhur il-Kunsill Lokali ta' Sannat beda jaħdem fuq proġett ambjentali u turistiku. Fl-inħawi ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus sar tindif intensiv, inbnew u tranġaw diversi ħitan tas-sejjieħ. Ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-gvern b'sengħa kbira u xogħol oriġinali. L-inħawi ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus, qegħdha tiġi rreklamata bħala l-bidu ta' passaġġ għal-diversi turisti li jieħdu gost b'*walking holiday*. Minn dan ix-xagħri tibda trejqa minn fuq is-sisien ta' Ċenċ li twasslek sa ħdejn it-Torri tax-Xlendi. Bla dubju tara veduti mill-isbaħ, issegwi n-natura u anke l-għasafar li jbejtu mas-sisien. Għal dan il-proġett il-Kunsill ingħata kontribuzzjoni finanzjarja mid-Diriġenti ta' Palazzo Margerita Co. Ltd, bħala parti minn proġett li huma ppreżentaw lil Malta Tourism Authority. Dawn il-fondi ngħataw mill-Structural Funds Programme (2004 – 2006) Objective 1. Sadanittant l-Iskola Primarja Profs Ġuże Aquilina ta' Sannat, qegħda taħdem fuq il-programm Comenius, li jitratta l-ambjent, flimkien ma' diversi skejjel minn pajjiżi oħra barranin. B'ħidma ma' l-Iskola Primarja, l-Kunsill Lokali ħa l-inizjattiva li jħawwel diversi siġar taż-żebbuġ fl-inħawi ta' Triq id-Daħla taċ-Ċnus. Fil-fatt nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru rappreżentanza mill-klassijiet kollha ta' l-iskola, inkluż żewġ studenti bi bżonnijiet speċjali, ħawlu diversi siġar taż-żebbuġ, bil-għajnuna ta' ħaddiema mid-dipartiment ta' l-agrikultura.

## *Wirja ta' bolli speċjali mill-Għaqda Filatelika Għawdxija*

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono inawgurat il-wirja filatelika li ssir ta' kull sena mill-Għaqda Filatelika Għawdxija, fis-Sala tal-Wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat. Fetħet il-Ġimgħa 4 ta' Novembru, filgħaxija. Għalqet il-Ħadd 13 ta' Novembru. It-temi tal-wirja kienu dwar l-istorja tal-posta kif ukoll dwar bolli li juru festi u *festivals* Maltin. Sezzjoni importanti oħra kienet dik dwar il-bolli tal-Milied li ħarġu din is-sena. Dawn huma replika tax-xogħlijiet ta' pittura li wieħed isib fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu fuq il-mużajk li jirrappreżentaw it-twelid ta' Ġesù Bambin, xogħol il-pittur magħruf il-Kavallier Envin Cremona, bi gwarniċ skulturat fil-ġebla Maltija, mill-magħruf skultur Għawdxi Wistin Camilleri. Il-bolli ġew iddisinjati mill-pittur, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi, li jiġi bin Wistin Camilleri. Fil-wirja mhux biss kien hemm il-bolli, imma ukoll id-disinni oriġinali, mislufa

mill-pittur innifsu Pawlu Camilleri Cauchi. Din is-sezzjoni fil-wirja ttellgħet bl-inizjattiva ta' Fr Gerard Buhagiar u Anthony Grech. F'din is-sezzjoni tal-bolli tal-Milied, wieħed seta' jara wkoll kwadru oriġinali, li ġie restawrat mill-pittur Godwin Cutajar.

## *Wirja ta' Arti ta' Mużajk minn Pauline Attard*

L-artista tal-możajk Paulene Attard kellha wirja ta' xogħlijiet tagħha fl-arti tal-możajk fis-sala ta' l-esibizzjonijiet ġewwa l-Ministeru għal Għawdex. Din hija t-tieni esibizzjoni personali ta' Paulene Attard għal din is-sena, u l-ewwel waħda tagħha fil-gżira Għawdxija. F'Ottubru esibiet xogħlijiet oħra tagħha fil-lukanda *Corinthia Palace,* Attard. Il-biċċiet ta' l-arti esibiti jvarjaw minn imwejjed, platti, kandelabri, mirja u xogħlijiet għal mal-ħajt, għal qsari u kontenituri differenti bħal buqari, skutelli u vażuni. Il-'media' li l-artista tuża fl-arti tagħha tvarja minn ħġieġ impurtat minn Murano u deheb minn Venezja, għal *stained glass*, *stainless steel*, fidda, ċagħaq, arzell, kina, porċellana, ċeramika, mirja, żibeċ, bċejjeċ tal-ħġieġ u irħam. Għalkemm tidher li tippreferi tirrafigura x-xeni kkuluriti ta' taħt il-baħar u tal-pajsagg Malti permezz tal-mozajk, Paulene tħobb tikkreja ukoll disinji astratti fuq oġġetti bħall-mirja u mwejjed. Il-kreazzjonijiet ta' Paulene Attard joffru esperjenza viżiva spettakolari b'kuluri vivaċi li jagħtu l-ħajja u jdawlu kull tip ta' kamra jew ġnien. L-esibizzjoni baqgħet miftuħa għall-pubbliku sat-3 ta' Diċembru.

## *"Jisimni Giovanni" - Musical ġdid dwar Don Bosco*



Dan il-*musical* ittella' fl-Oratorju Don Bosco fl-aħħar ta' Novembru. B'kollox saru ħames rappreżentazzjonijiet minħabba s-suċċess li kiseb. Il-parti ta' Don Bosco inħadmet minn Mario Caruana. Siltiet minn ħajjet dan il-qaddis kienu murija permezz ta' kant, mużika, dwal, azzjoni u żfin. Il-*musical* kien rappreżentazzjoni ġdida tal-ħajja ta' San Ġwann Bosco b'messaġġ qawwi għaż-żgħażagħ fi żminijietna.

## *L-Opera "Fedora" fit-teatru Aurora*

It-tmexxija tat-Teatru Aurora tellgħu l-opra *"Fedora"* s-Sibt 3 ta' Diċembru b'artisti internazzjonali. Il-parti prinċipali kienet f'idejn is-sopran Laura Niculescu. It-tenur Mario Malagnini kellu l-parti tal-konti Loris Ipanov. Il-baritonu Taljan Marzio Giossi, kellu l-parti ta' De Siriex. Ħadu sehem ukoll is-sopran Rita Dimech, il-baxx Noel Galea u s-sopran Marouska Attard. Id-direzzjoni mużikali kienet f'idejn Mro Colin Attard. L-orkestra kienet l-Orkestra Filarmonika 'Francesco Cilea' ta' Reggio Calabria.

## *Ġieħ in-Nadur lil Mons. Martin Portelli*



Il-Premju Ġieħ in-Nadur għas-sena 2005 ngħata lill-Monsinjur Martin Portelli waqt serata apposta li ttellgħet fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill fit-Teatru MBC nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2005. Monsinjur Portelli ngħata dan il-Premju għas-sehem tiegħu għal aktar minn ħamsin sena f' diversi oqsma fil-lokal tan-Nadur, iżda b'mod partikulari fil-qasam mużikali. Dun Martin Portelli waqqaf il-Kor *Jubilate Deo* u għal snin twal kien il-*Maestro di Cappella* tal-Bażilika tan-Nadur. Huwa ikkompona wkoll diversi biċċiet u fit-twaqqif tal-Banda Mnarja għen fit-tagħlim tal-mużika. F' Gunju 2005 fl-okkażjoni tal-50 sena minn meta ġie ordnat saċerdot Monsinjur Martin Portelli rregala b' kuntratt il-mużika kollha komposta minnu kif ukoll l-arkivju kollu tiegħu lill-Parroċċa tan-Nadur. Waqt is-serata fejn huwa ngħata Ġieħ in-Nadur mis-Sindku Dr Chris Said ħa sehem il-Kor *Jubilate Deo* illi interpreta diversi biċċiet komposti minn Dun Martin. Din kienet it-tmien sena konsekuttiva li fiha ngħata dan il-Ġieħ. Ir-rebbieħa l-oħra kienu – il-Baruni Kelinu Vella Haber, Joseph Attard, Dun Karm Attard, Joseph Curmi, Frans Camilleri, Dr. Joe Debono u Michael Grima.

## *Sonny Borg fil-Maratona Internazzjonali ta' Beijing*



Il-maratonista Għawdxi Sonny Borg ħa sehem fil-25 edizzjoni tal-Maratona Internazzjonali ta' Beijing fiċ-Ċina, waħda mill-aqwa għaxar maratoni fid-dinja. Għal Sonny Borg, l-affarijiet ma kienux tant faċli, għall-fatt li t-titjira minn Malta ttardjat b'sagħtejn u nofs, u b'kaġun t'hekk tilef it-titjira minn Frankfurt għal Beijing, u kellu jistenna għal 4 sigħat oħra biex jaqbad it-tieni titjira. B'riżultat ta' dan, wara vjaġġ twil, u peress li l-ħin fiċ-Ċina huwa 6 siegħat 'il quddiem, kellu għalhekk f'ħin qasir imur jiġbor in-numru u c-*champion chip*, però b'xorti tajba, irnexxielu kwarta qabel ma għalqu l-bibien. Sittax-il siegħa wara l-wasla tiegħu f'Beijing, kien fil-pjazza maestuża ta' Tienamen għal bidu ta' din il-ġirja hekk kbira. Din il-maratona kienet segwita minn 2 miljuni fit-toroq ta' Beijing u mal-150 miljun segwewha minn fuq it-televiżjoni. Sonny Borg irnexxielu jtemm din il-maratona prestiġjuża bi prestazzjoni mill-aqwa. Mar waħdu u kien l-uniku atleta Malti li ħa sehem. Għal Sonny Borg, li ġera fost l-aqwa maratoni fid-dinja, kien qed jiġri t-18-il maratona internazzjonali barra minn Malta.

# MONS MARIO GRECH

## MAĦTUR ISQOF ĠDID TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX



Il-Q.T. il-Papa Benedittu XVII għoġbu jaħtar lil Mons Mario Grech bħala it-tmien Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex u s-suċċessur ta' l-E.T. Mons Nikol G. Cauchi wara li dan kien ippreżenta ir-riżenja tiegħu mill-kariga ta' Isqof ta' Għawdex, minħabba raġuni ta' età.

L-E.T. Mons Mario Grech twieled fil-Qala, Għawdex fl-20 ta' Frar 1957. Huwa beda l-istudji primarji tiegħu fl-iskola ta' Kerċem u kompla l-istudji sekondarji tiegħu fl-iskola sekondarja tal-Liċeo ta' Vittoria.

Huwa beda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fis-sena 1977 u kien ordnat saċerdot fis-26 ta' Mejju 1984. Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Mons Mario Grech





kompla bl-istudji superjuri tiegħu ġewwa l-Università tal-Lateran, fejn kiseb il-liċenza 'Utroque Iure'. Minn hawn kompla l-istudji tiegħu fl-Università Pontificia ta' San Tumas minn fejn kiseb id-dottorat fid-Drittu Kanoniku.

F'Ruma huwa wettaq ukoll ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Santa Marija. Meta irritorna lura Għawdex huwa wettaq ħidma pastorali f'diversi oqsma tal-ħajja ekkleżjali. Attwalment huwa l-Vigarju Gudizzjali tad-Djoċesi ta' Għawdex u Imħallef fit-Tribunal Metropolitan ta' Malta. Huwa membru tal-Kulleġġ tal-Konsulturi u membru ta' diversi Kummisjonijiet Djoċesani bħalma hija l-Kummissjoni Teologika u l-Kummissjoni għall-Familja u il-Kummissjoni Mezzi Komunikazzjoni Soċjali. F'Novembru 2004 Mons Isqof Nikol G. Cauchi ħatru Kappillan tal-Parroċa ta' Kercem.

Fil-Kurja ta' Għawdex ir-rappreżentant tan-Nunzju Apostoliku f'Malta ippreżenta d-dokument tal-ħatra tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi lil Mons Mario Grech fil-prezenza ta' Mons Isqof Nikol G.Cauchi u saċerdoti oħra.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni Mons Mario Grech radd ħajr lil Alla għas-sejħa li għamilu, irringrazzja lil Q.T. il-Papa Benedittu XVII għal fiduċja li wera fih meta afdalu t-tmexxija tad-djoċesi, u rringazzja lill-Isqof Cauchi għas-servizz ġeneruż tiegħu mal-poplu t'Alla tul l-episkopat tiegħu.

Mons Grech għamel din l-istqarrija:

***"Nagħti ħajti biex Kristu, fis-sebħ tiegħu ta' l-Iben t'Alla li sar bniedem, ikun magħruf fil-Knisja tiegħu ħalli l-ġmiel tiegħu jsebbaħ lil kull bniedem. Għandi xewqa li nagħraf aktar il-qdusija tas-saċerdozju li Ġesù fada lili u lil ħuti s-saċedoti li huma l-għeżież kollaboraturi tiegħi f'din il-missjoni il-ġdida. Għax jekk aħna s-saċerdoti ngħixu bil-ferħ u l-fedeltà s-saċerdozju tagħna, inkunu nagħtu lill-Knisja u lis-soċjetà dak li aħna b'vokazzjoni mistennija nagħtu. Meta aħna s-saċerdoti nkunu "bnedmin t'Alla", nkunu noffru lil lajċi nsara dak li tassew għandhom bżonn u nħeġġuhom biex ikunu forza posittiva fid-dinja ta' llum. Nagħmel ħilti kollha biex nirreċiproka l-imħabba tagħkom, bl-imħabba tiegħi".***

*Iż-żewġ Isqfijiet tagħna*
*Mons. Nikol G. Cauchi (Isqof Emeritus)*
*u*
*Mons. Mario Grech (Isqof Suċċessur)*
*jwasslu l-isbaħ xewqat ta' Milied Qaddis*
*u*
*Sena Ġdida 2006 mimlija ġid u barka mis-Sema*
*lill-qarrejja kollha ta' din ir-rivista djoċesana*



# FEHMET IL-QARREJJA

## "Il-Bambin" ta' xi Maltin u Għawdxin...



*Żmien il-Milied ifakkarna fil-misteru ta' l-Iben t'Alla li ċċekken tant li ħa sura bħal tagħna u twieled tarbija li b'mod familjari u naturali nirreferu għalih bħala l-festa "tal-Bambin".*

*Hi kelma li toqgħod ħafna għall-mentalità tat-tfal, speċjalment l-iktar ċkejknin u fl-innoċenza tagħhom. Erħilhom il-ġenituri jkellmuhom dwar it-tarbija ta' Betlem u jinqdew bil-Bambin. Anki t-trabi tat-twelid ixebbħuhom mal-Bambin.*

*L-użu ta' din il-kelma daħal ġmielu fid-diskors tal-kbar ukoll. Jekk saċerdoti, katekisti, għalliema, ħaddiema, bdiewa u oħrajn, flok Alla jħobbu jdaħħlu l-Bambin. "il-Bambin iberikna", "il-Bambin iħobbna", "il-Bambin bata tant għalina", "il-Bambin jipprovdi", "k'il-Bambin irid", "afda fil-Bambin", u l-bqija.*

*Hija kelma li saret komuni biex nesprimu diversi aspetti tat-twemmin tagħna, b'mod popolari, fuq kollox f'Dak li hu Setgħan u kollu Mħabba. S'hawn kollox sew, anzi hija drawwa reliġjuża li tagħmlilna ġieħ.*

*Il-gwaj hu meta ninqdew bl-istess kelma bħala espressjoni 'spontanja' li mhux dejjem nifhmu x'inkunu qed ngħidu. Hemm min jinqeda bil-Bambin fil-lingwaġġ tiegħu f'kuntest żbaljat u b'tifsira kuntrarja: "Il-Bambin laħqu/laħaqha", "il-Bambin qabad miegħi", eċċ.*

*Agħar minn hekk meta nisimgħu p.e. "il-Bambin laqqagħni miegħu/magħha" u dan f'kuntest ta' min għadda għal rabta ġdida wara falliment fiż-żwieġ tiegħu. "Il-Bambin ftakar fina!" f'kuntest ta' wild anki jekk b'mezzi ta' prokreazzjoni lleċiti. "Il-Bambin pprovdieli x'niekol" anki jekk f'kuntest ta' qliegħ b'ingann jew b'mezzi projbiti bħalma hu t-traffikar tad-droga jew prostituzzjoni.*

*Esperjenzi u stqarrijiet ta' dix-xorta ġie li xterdu fuq il-mezzi tax-xandir, anki jekk il-persuni għal xi raġuni nżammu anonimi. F'isem il-Bambin il-fini beda jiġġustifika l-mezzi, xi ħaġa li mhux biss qed tkun aċċettata bħala prinċipju, iżda qed titqies tajba u bil-barka t'Alla ladarba seħħet fil-prattika.*

*Anki hawn xi Maltin li ħassru x-xbieha tal-Milied u għawġu t-tifsira tiegħu bi stil ta' mġieba żbaljata f'ħajjithom. Ikolli ngħid: "Povru Bambin"!*

**Mons. Salv Grima**
*(Nadur)*

## L-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Mons. Mario Grech



*Nixtieq nifraħ lil Monsinjur Mario Grech għall-ħatra tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex. Lil Monsinjur Grech kelli ċ-ċans insir nafu viċin ħafna meta din is-sena kont mistieden għall-Festa tal-Madonna tas-Sokkors f'Kerċem, fejn l-Isqof Grech kien kappillan. Kelli nsir naf ukoll il-familja tiegħu meta ġejt mistieden id-dar ta' l-Isqof Grech. Il-ġenituri tiegħu kienu għadhom ferħanin għaliex kienu għadhom kemm iċċelebraw il-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom. Ma nistax ninsa kemm laqgħuna bil-ferħ f'darhom.*

*Baqgħet ukoll f'moħħi dik id-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna tas-Sokkors l-Isqof Grech li meta ħarġet il-purċissjoni dlonk tul it-triq tal-purċissjoni bil-kuruna tar-rużarju f'idu rreċita t-talba tar-Rużarju. Talab hu u mexxa lill-poplu ta' Kerċem fit-talba tant għażiża għall-Madonna, it-talba tar-Rużarju Mqaddes. Nawguralu ħidma pastorali għaqlija bħalma wrieha qablu E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, ħabib tiegħi ukoll li ngħidlu grazzi ta' kollox.*

**John Tonna**
*(Birkirkara)*

L-INTERVISTA

# Il-Milied fil-Parroċċa ta' Sannat

**Dun Eddie Zammit jintervista lill-Arċipriet Kan. Dun Tarċisju Camilleri dwar l-attivitajiet tal-Milied fir-raħal tiegħu.**

**X'tifkiriet għandek tal-Milied tat-tfulitek fil-familja fejn trabbejt u fil-parroċċa tiegħek ta' Sannat ?**
Ta' eta żgħira, bħat-tfal sħabi, konna nistennew iż-żmien tal-Milied b'entużjażmu kbir. Dakinhar ma kienx hawn il-kumdità li hawn llum u għalhekk għalina t-tfal, xi rigal jew xi ħaġa speċjali fil-ġranet tal-Milied kienet tkun lussu. Konna nafu nieħdu pjaċir anke bi ftit lewż għax imbagħad erħilna nilgħabu ma' tfal sħabna u nieħdu gost nirbħu xi lewża. Fid-dar konna noħolqu ambjent tal-Milied nisrani billi konna nibnu presepju żgħir bil-ġebel u xi ftit pasturi tat-tafal li konna nixtru mill-ftit flus li konna niddubbaw. Fid-dar konna ninġabru biex ngħidu xi talb bi tħejjija għall-Milied. Dan iż-żmien kien jimliena bil-ferħ.

Fil-parroċċa wkoll konna nimpenjaw ruħna f'dan iż-żmien biex nieħdu sehem fl-attivitajiet li kienu jsiru. Anke bħala abbatini, konna ninġabru madwar l-Arċipriet biex inkantaw innijiet tal-Milied. Fil-Milied imbagħad l-Arċipriet kien iġib xkora lewż u kien jiġbor it-tfal kollha tal-parroċċa u jagħtina xi żewġ tużżani lewż kull wieħed.

**Fi żmienek fil-parroċċa kien hemm ukoll is-Soċjetà tal-Museum li kif nafu fuq l-eżempju tal-fundatur tagħti ħafna importanza lil din il-festa. Xi programmi kienu jsir fi żmien tfulitek?**
Bħal f'kull Qasam (Dar) tal-MUSEUM, kif kienet ix-xewqa ta' Dun Ġorġ, devotissmu ta' l-INKARNAZZJONI - il-misteru ta' l-Iben t'Alla li sar bniedem għalina- fir-raħal ta' Sannat kienu u għadhom isiru attivitajiet biex l-ispirtu veru tal-Milied jinħass fit-tfal, żgħażagħ u anke fil-familji kollha.Matul dawn il-ġranet il-MUSEUM jieħu atmosfera ta' festa... festa b'mod modest li tkompli żżid l-ispirtu ġenwin tal-Milied. Il-Bambin f'maxtura jkun iċ-ċentru ta' kollox. Konna nieħdu pjaċir inżejnu l-klassijiet tal-Museum bil-karti kkuluriti u nħejju l-presepju. Barra minn hekk ukoll kien ikollna laqgħat ta' talb u kant li jimla l-qalbna bil-ferħ.

Ma kienx jonqos ukoll li ngħinu fit-tħejjija għall-purċissjoni tal-Milied.

**Tara xi differenza fil-mod kif konna ngħixu ż-żmien tal-Milied fl-imgħoddi u kif ngħixuh illum?**
Il-qofol taċ-ċelebrazzjoni jibqa' dejjem marbut ma' dak imfisser fil-liturġija, jiġifieri t-tifkira tat-twelid ta' Ġesù. Dak kollu li jsir jew li kien isir fl-imgħoddi jrid juri l-ferħ għal din il-ġrajja : il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Fil-waqt li fl-imgħoddi l-enfasi kienet fuq il-funzjonijiet tal-knisja, it-talb, is-sawm, u anke il-laqgħa ferrieħa tal-membri tal-familja li dakinhar jagħmlu xi ikla speċjali flimkien, illum qed tingħata importanza lit-tiżjin fid-djar, ir-rigali lill-ħbieb eċċ, ikliet ma' gruppi jew familji, u xi divertiment ieħor. Dan ma jfissirx li llum m'għadhomx jagħtu importanza lill-funzjonijiet tal-Knisja. Però daħal xi ftit l-aspett materjali u kollox qed jiġi kummerċjalizzat.





**X'importanza tagħtu l-programmazzjoni għal żmien il-Milied ?**

Il-parroċċa ta' kull sena tagħmel Pjan Pastorali li jibda minn Ottubru. Dan il-pjan imbagħad jiġi mwettaq biċċa biċċa kif jippjana l-Kunsill Parrokkjali. Nistgħu ngħidu li mbagħad kull żmien jitlob li jkollu qisu pjan ieħor għalih. Hekk ukoll iż-żmien tal-Milied. Il-Kunsill Parrokkjali jaħseb minn kmieni biex jipprogramma l-attivitajiet kollha marbuta mal-festa tal-Milied. Dan isir billi kull Għaqda Kattolika jew grupp fi ħdan il-parroċċa jkun involut f'xi attività.

**X'hemm imħejji fil-parroċċa ta' Sannat għal din is-sena f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja?**

Qabel xejn nipprovaw nagħmlu l-liturġija ta' dan iż-żmien dejjem iktar ħajja u attrajenti biex il-poplu tagħna jidħol iktar fl-ispirtu ta' dak li jkun qiegħed jiċċelebra. Għalhekk nagħtu importanza liż-żmien ta' l-Avvent sa mill-bidu tiegħu biex il-komunità tħossha qed titħejja spiritwalment għall-festi tal-Milied. Anke lill-morda tal-parroċċa ngħinuhom jidħlu f'dan l-ispirtu billi matul in-novena kollha niċċelebraw quddiesa għand il-morda kollha tal-parroċċa.

S'intendi iktar ma' joqrob iż-żmien nagħmlu enfasi fuq in-Novena li tkun parteċipata ħafna speċjalment bis-sehem tat-tfal, bil-kant, mima u jew rappreżentazzjoni oħra. Ikollna Velja sabieħa ta' Talb u Kant, lejliet il-Milied li biha naslu għaċ-ċelebrazzjoni tal-funzjoni ta' nofs il-lejl. Ikollna wkoll il-Purċissjoni ta' Ġesù Bambin organizzata mill-membri tal-Museum u wara ssir funzjoni fil-knisja b'qari ta' peożiji, talb, kant, play, u anke il-prietka tat-tifel.

**Fi ħdan il-parroċċa għandek ukoll it-tfal tad-duttrina kif ukoll is-Soċjetà tal-Museum li tgħin bi programmi apposta biex ikompli jikber l-ispirtu tal-Milied nisrani. X'hemm imħejji għal din is-sena?**

It-tfal tad-duttrina kollha jkunu involuti f'xi attivita' bħalma huma kant, reċti, mimi, u attivitajiet oħra.

Fil-MUSEUM imbagħad issir in-novena addattata għat-tfal skond l-età. Għat-tfal ta' bejn it-8 u 11-il sena sa Form 1 (tal-Griżma) isir: talb, kant, xi filmin u xi *feature*. Fil-waqt li għat-tfal, minn tnax-il sena 'l fuq, Preparatorja, Magħżulin u Aspiranti (tfal ta' wara l-Griżma) isir l-istess programm bi stil li jogħġob aktar lil dawn it-tfal u żgħażagħ.

Wara, għall-membri u dawk iż-żgħażagħ li jibqgħu jattendu (minn 16-il sena 'l fuq) issir l-'Iskola ta' Betlehem'... Tagħlimiet, imħejjija minn Dun Ġorġ stess, dwar it-twelid ta' Ġesu. Bħalma l-Kurċifiss isejjaħlu l-'Ktieb il-Kbir' hekk il-Maxtura jsejħilha, 'Skola ta' Betlehem' ... Minnha nitgħallmu ... L-Umiltà, is-Silenzju, il-Faqar, l-Imħabba ta' Alla għalina

**Żmien il-Milied huwa żmien ta' solidarjetà u inizjattivi ta' karità. Kemm tagħti importanza lil dawn l-attivitajiet l-iktar f'dawn iż-żminijiet?**

Billi bħalma semmejna qabel, din il-festa tal-Milied qed issir iktar festa ta' kummerċ u lussu, il-parroċċa toħloq inizjativi biex turi l-valur tas-solidarjetà u l-ispirtu ta' karità ma' dawn li huma inqas ixxurtjati minna. Għal dan l-iskop norganizzaw kampanja fost it-tfal biex jagħtu xi ħaġa tal-flus biex nagħmlu offerta lit-tfal fil-missjoni jew lil xi istitut ta' karità. It-tfal ikunu tassew ġenerużi. Gruppi ta' tfal iżuru lill-morda matul il-jiem ta' dawn il-festi u jqassmulhom xi ħelu eċċ. u anke jdoqqulhom u jkantaw. Il-Grupp taż-Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Drammatika tal-Parroċċa jżuru l-morda u l-anzjani fl-Isptar Ġenerali u jagħtuhom xi rigali.

**Hemm xi attivitajiet oħra li jsiru fi ħdan il-komunità ta' Sannat għal żmien il-Milied?**

Għandna diversi attivitajiet oħra bħalma huma : 1. kompetizzjoni għall-aħjar presepju fil-familja; 2. Wirja ta' presepji żgħar li jkunu għamlu t-tfal; 3. Kompetizzjoni għall-aħjar twieqi mżejna għall-Milied; 4. Party għat-tfal kollha tal-parroċċa u nagħtu rigal lil kull tifel u tifla; 5. Tittella' Varjetà mill-Għaqda Drammatika bis-sehem tat-tfal u taż-żgħażagħ; 6. L-Għaqda Drammatika tagħmel l-attività ta' "Father Christmas" li jqassam ir-rigali fid-djar. 7. Il-Kor tal-parroċċa jtella' 'Concert' b'*carols* tal-Milied għar-residenti barranin li joqgħodu fil-parroċċa tagħna.

B'dawn l-attivitajiet nipprovaw noħolqu spirtu ta' dan iż-żmien qaddis u nferrħu lil kull kategorija tal-parroċċa.






# 1985 – 2005:

## GĦOXRIN SENA TA' ĦIDMA F'GĦAWDEX B'RISQ IL-PRESEPJU

*jikteb is-Segretarju* ***Anton Galea***

Kif jgħaddi ż-żmien!... Kien l-4 t'Ottubru 1985 meta jien u sitt membri oħra, għamilna l-ewwel laqgħa ta' l-għaqda tagħna "Ħbieb tal-Presepju – Għawdex". Din il-laqgħa, l-ewwel waħda tat-tip tagħha fil-gżejjer Maltin, saret fis-sala parrokkjali ta' San Lawrenz. Inħatar president is-sur Joseph Galea, segretarju is-sur George Borg u Ass. Ekkleżjastiku l-kappillan Dun Mikiel Borg. Ftit xhur wara ġiet magħrufa bħala "Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta" billi ġiet rikonoxxuta mill-*Universalis Foederatio Presepistica* waqt laqgħa internazzjonali tal-Presepju li nżammet f'Innsbruck f'Novembru 1985, bid-dritt li tirrappreżenta lill-gżejjer maltin f'Kungressi Internazzjonali u Konvenji ta' l-*Associazione Italiana Amici del Presepio*.

F'dawn l-għoxrin sena rajna l-għaqda tikber, tant li minn żerriegħa saret siġra kbira li firxet l-egħruq tagħha fil-gżejjer Maltin. Il-membri żdiedu u kotru u llum għandna soċji minn Għawdex kollu u anke minn Malta.

L-iskop ewlieni tagħha hu li : "Il-Presepju jkompli jinbena fil-familja fil-Milied." Dan ilħaqnih mija fil-mija, għax l-għaqda tat spinta kbira lil dan il-għan, tant illi diffiċli tidħol f'dar Għawdxija li ma ssibx xi rokna armata b'xi presepju jew grotta. Qabel l-1985, din id-drawwa sabiħa kienet bdiet tinqata' ġmielha. Bis-saħħa ta' l-għaqda l-ġdida, il-presepju reġa' sab postu fil-ġranet sbieħ tal-Milied.

It-tieni għan ta' l-għaqda hu: "li tkabbar sens ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-Presepju". Din it-tip ta' ħbiberija taraha l-iktar fost il-membri waqt il-laqgħat, ħarġiet, seminars, *lectures* , safar u żjajjar fid-djar ta' xulxin waqt il-ġranet sbieħ tal-Milied. L-istess jista' jingħad għas-sens ta' ħbiberija soda bejn l-għaqda tal-Presepji ta' Għawdex u dik ta' Malta.

It-tielet għan hu li: "tappoġġja x-xogħol ta' l-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanat u letteratura konnessa mal-Presepju.

Nista' ngħid bla tlaqliq li ma ġiex Kungress Internazzjonali jew Konvenju ta' l-*Associazione*





*Italiana Amici del Presepio*, li kull darba li konna mistednin ma ġewx offruti presepji jew pasturi tat-*terracotta* minn artisti Maltin u Għawdxin. Dawn id-donazzjonijiet illum jinsabu fil-mużewijiet tal-presepji f'ħafna bliet ta' l-Ewropa.

Dwar letteratura konnessa mal-Presepju, biżżejjed insemmu l-fuljett "Ħbieb il-Presepju" li joħroġ erba' darbiet fis-sena, u l-ktieb miktub fi tliet lingwi, "*The Story of Cribs & Pasturi in the Maltese Islands*".

Niġu għar-raba' għan ta' l-għaqda: -"li toħloq korsijiet u torganizza *lectures* konnessi mal-bini tal-Presepju" Il-korsijiet ewlenin tagħna jibdew ma' nofs Frar sa l-aħħar t'April. Sena wara l-oħra, is-sur Joe Camilleri, mgħallem fl-arti tal-presepju u tal-pasturi, jistinka u jgħallem lill-ħbieb tagħna li jattendu għal-*lectures* bla ħlas.



Fix-xhur ta' Novembru u Diċembru, Arċiprieti, Kappillani, Każini tal-Baned, Sindki, Kapijiet ta' skejjel tal-Gvern u Privati, jistiednu lill-membri tagħna biex jagħtu dimostrazzjonijiet dwar il-Presepju. Għall-aħħar ta' Novembru tinżamm ġurnata Seminar fejn jingħataw *lectures* u dimostrazzjonijiet dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-presepju

Il-ħames għan ta' l-għaqda hu "li twaqqaf wirja permanenti ta' presepji". Din il-ħolma twettqet nhar il-Ħadd l-1 ta' Diċembru 2002 bil-ftuħ ta' l-ewwel Wirja Permanenti tal-Presepji fil-gżejjer Maltin. Wieħed jista' jaraha fiċ-Ċentru ta' l-għaqda fi Triq ir-Repubblika li qed jiġi wżat bil-permess ġentili ta' l-E.T. Mons. Nikola G. Cauchi. Isqof ta' Għawdex.

L aħħar għan hu: " li toħloq relazzjonijiet fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' enti simili, sew bi bdil ta' aħbarijiet u pubblikazzjonijiet konnessi ma xogħlijiet tal-presepju". Ta' kull sena, ġimgħat qabel il-Milied, l-għaqda ssemma' leħinha fuq il-mezzi tax-Xandir kif ukoll fil-gazzetti kollha lokali. Billi l-għaqda tagħna hija marbuta ma' l-*Universalis Foederatio Praesepistica*, (l-għaqda dinjija tal-Presepji) aħna obbligati li nibagħtu lil xulxin kwalunkwe aħbar u pubblikazzjoni li jkollna.

Minn kemm ilha mwaqqfa l-għaqda tagħna attendejna għall-kungressi internazzjonali li jsiru kull erba' snin. Morna Innsbruch, Genova, Madrid, Telgte, Pamplona u dan l-aħħar fi Hradek Kralove (Rep. Ċeka). Diġa rċivejna l-invit għal tliet snin oħra. Attendejna wkoll bi ħġarna l-konvenji li ta' kull sena jsiru l-Italja. Bdejna b'Caltagirone, Nicotera, Ponte San Pietro, Avellino, Bracciano, Tolentino, Frattamaggiore, Calepio, Ruma u din is-sena f'Pergine Valsugana.

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta twieldet biex jekk Alla jrid tibqa'. Hekk hemm bżonn naħsbu f'iktar tfal u żgħażagħ għax dawn iridu jkunu l-presepisti ta' għada. Hija x-xewqa ta' kulħadd illi ż-żewġ Għaqdiet tal-Presepju fil-gżejjer Maltin ikomplu jaħdmu tul is-sena kollha b'intenzjoni komuni, dak li l-Presepju jibqa' jintrama f'kull dar. Jalla din ix-xewqa u skop qaddis iħallu ħafna frott.

PMC
PAUL M. CASSAR
TOURS
GITA BL-AJRU GĦAL SQALLIJA
FL-OKKAZJONI TAL-FESTI TA'
SANT' AGATA F' CATANIA
Tluq il-Ħamis 2 ta' Frar fit-8.30 a.m.
Lura t-Tnejn 6 ta' Frar fis-6.30p.m.
Inżuru wkoll:RAGUSA-TINDARI
CALTANISETTA- CEFALU'-PATTI
SANTO STEFANO DI CAMASTRA
Bookings :John Portelli Ent.
7 Pjazza Indipendenza – Victoria
Tel.21561212 - 3
Organizzatur u Tour Leader
PAUL M. CASSAR
S.Giorgio -Triq Vajringa,Victoria
Tel. 21551004 -79021033



# IL-CHORUS URBANUS

## 30 sena ta' ħajja mużikali

*Kitba tas-Segretarju* **George Borg**

Il-*Chorus Urbanus* twaqqaf fil-Bażilka San Ġorġ tal-Belt Victoria fis-sena 1975. L-ewwel dehra uffiċjali tiegħu kienet waqt il-Quddiesa Sollenni ta' Nofs il-Lejl tal-Milied ta' dik is-sena meta ġie nawgurat u mgħammed bl-isem "CHORUS URBANUS'. F'dik il-lejla storika għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, billi kien l-ewwel kor imwaqqaf f'din il-bażilka, il-Fundatur u l-ewwel direttur tal-Kor, ir-Rev. Dun Ġużepp Gauci, għamel kelmtejn ta' introduzzjoni minn fuq l-ambone. Il-parruċċani kollha preżenti fil-knisja laqgħu bil-ferħa din l-aħbar. Il-miġemgħa applawdiet billi l-assenza ta' kor fil-parroċċa kienet ilha tinħass.

Dun Ġużepp Gauci sab għajnuna siewja f'Joseph Bezzina, l-organista tal-Bażilka San Ġorġ. Bezzina kien strumentali fit-twaqqif tal-kor kif ukoll fit-tħejjija tal-membri u l-kunċerti. Hu saħansitra kkompona bosta xogħlijiet li kienu u għadhom jiġu nterpretati mill-Kor. Joseph Bezzina baqa' jagħti s-sehem tiegħu fil-kor sas-sena 1998.

In-numru ta' servizzi li wettaq il-Kor fil-Bażilka San Ġorġ hu bla għadd kif ukoll huma dawk ekkleżjali u ċivili li wettaq 'l hawn u 'l hinn f'Għawdex u f'Malta. Ħa sehem b'sodisfazzjon f'ċerimonji speċjali u sollenni kif ukoll waqt pontifikali, kon-ċelebrazzjonijiet sollenni, festi primarji u sekondarji. Matul il-ħajja tiegħu l-Kor għadda minn tlett idejn li kollha stinkaw u ħabirku biex għamlu minnu kor tajjeb u dixxiplinat li bil-kant ħlejju u armonjuż tiegħu paxxa lil kull min semgħu. Dun Ġużepp Gauci fehem mill-ewwel il-bżonn u l-utilità ta' dan il-kor u għalhekk ma ddejjaq xejn jidħol għalih bi spirtu u inizjattiva kbira. Taħt id-direzzjoni tiegħu l-Kor kellu l-ewwel dehra f'Malta u anke 'l bogħod mix-xtut Maltin meta siefer fl-Italja.

It-tieni direttur kien Mro. Joseph Bezzina li ħa r-responsabbiltà tal-Kor hekk kif Dun Ġużepp reħa t-treġija minn idejh f'Novembru tas-sena 1978. Bezzina xejn anqas minn ta' qablu stinka biex iżommu fuq saqajh u jsaħħu. Hu mexxa l-kor fl-ewwel dehra tiegħu fuq it-Televiżjoni Maltija waqt programm tal-Ġimgħa Mqaddsa tas-sena 1979.

Taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea l-Kor kompla fit-triq tal-progress u daħal f'fażi avvanzata ta' kant impenjattiv u eleborat. Beda jieħu sehem f'kunċerti ta' ċertu livell u bena reputazzjoni u stima kbira. Fuq kollox beda jiġi mpenjat f'okkażjonijiet prestiġjużi ħafna. Ma' Mro. Galea, il-Kor ħalla x-xtut Maltin kemm il-darba u ta kunċerti fl-Italja, l-Ingilterra, l-Ungerija, Awstrija, Bulgarija u Greċja. Il-Kor indaħal għall-inizjattivi ġodda bħalma huma l-opra, operetta kif ukoll ħruġ ta' CD's.

Il-*Chorus Urbanus* wera biċ-ċar li hu forza korali destinata li twassal leħinha mhux biss fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fejn twieled, iżda saħansitra 'l bogħod minn Malta. Insibu li l-Kor, wara sentejn biss mit-twaqqif tiegħu, fis-sena 1977 impenja ruħu fl-ewwel safra, kamp li għadu jitwettaq perjodikament sal-lum. Il-

*Chorus Urbanus* irrekordja CD's f'Sofia, Bulgaria, tnejn mas-*Sofia Symphonic Orchestra* fis-sena 1999 u tnejn oħra mas-*Sofia Collegium Symphonic Orchestra* fis-sena 2005 fl-*Istudio* Nru.1 tar-Radju Nazzjonali Bulgaru taħt id-direzzzjoni ta' Mro. John Galea. CD oħra saret mat-*Thoresby Colliery Brass Band* ta' Edwinstowe, Nottingham fis-sena 1997.

Il-*Chorus Urbanus* ipparteċipa fil-'concert version' ta' l-Opra *Cosi' Fan Tutti* fit-Teatru Manoel (12.06.91), Maltafest '91 bl-Opra *Don Giovanni* fil-Pjazza tal-Katidral ta' l-Imdina (23,15.08.91), *Revival* tal-*Missa Leggera* ta' Nicolo' Isouard f'St. Paul's Co-Cathedral, Valletta (7.03.91), Kuncert tal-25 Sena ta' Malta Repubblika fis-Sala tal-Meditterran, Valletta (5.12.00) u l-*Merry Widow* ta' Frans Lehar fit-Teatru Manoel u fit-Teatru Don Bosco u l-*Muzikal Chess* fit-Teatru Aurora ta' Għawdex. Il-Kor kanta wkoll f'ġieh il-Presidenti ta' Malta l-E.T. Dr. Ċensinu Tabone, Palazz Verdala (19.08.90), E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonniċi, fil-Kappella tal-Palazz San Anton u l-E.T. Prof. Guido de Marco fil-Ġonna Privati tal-Palazz San Anton (18.06.00). L-akbar avveniment li jiftaħar bih il-Kor kien meta kanta fil-preżenza tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-Sala Pawlu VI f'Ruma (8.08.90).

Matul is-snin tal-ħajja tiegħu l-Kor interpreta xogħlijiet mużikali prestiġjużi fosthom *Missa Leggera* ta' Nicolo' Isouard, *Coronation Mass* ta' W.A. Mozart, *Messe Solenelle en 'honneur de Sainte Cecila* ta' C. Gounod, *Messa di Gloria* ta' Giacomo Puccini, *Missa Sancte Johannes de Deo* ta' J. Haydn, *Missa Ignis Charitatis*, Ġgantija u l-Oratorju "Il-Qalb ta' Kristu" it-tlieta ta' John Galea.

Il-Kor ħa sehem f'bosta kunċerti li baqgħu jissemmgħu, akkumpanjati minn orkestri bħal l-Orkestra tat-Teatru Manoel, l-Orkestra Nazzjonali ta' Malta, l-Orkestra Europhilarmonica ta' Firenze, it-Thoresby Colliery Brass Band u s-Sofia Symphonic Orchestra, is-Sofia Collegium Symphonic Ochestra u l-Kurgan Symphonic Orchestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. Il-Kor kanta wkoll spalla ma' spalla ma' solisti Maltin u barranin ta' fama internazzjonali.

Fl-aħħar snin il-Kumitat tal-Kor ħa bosta inizjattivi ġodda, fosthom *Master Classes* vokali għall-membri tiegħu li tmexxew mill-Professoressa Bulgara Blagnovesta Dobreva u l-Pedagoga Vokali Margerita Basnarova Atanasova mill-Akkademja tal-Mużika ta' Sofia fil-Bulgaria. F'Jannar tas-sena 2003 beda l-pubblikazzjoni tar-rivista kull tlett xhur "Chorus Urbanus Newsletter" kif ukoll fis-sena 2001 waqqaf il-Junior Section. Din is-sezzjoni barra li tkanta f'bosta okkażjonijiet qed isservi bħal nursery tal-Kor.



Matul is-snin il-*Chorus Urbanus* ġie ppremjat bil-Palma tad-Deheb mir-Raħal ta' San Lawrenz, u "*The Għarb Gozitan Cultural Award*" mogħti mill-Kunsill Lokali tal-Għarb. Sena ilu l-Kor sar l-ewwel wieħed mill-Gżejjer Maltin li ġie affiljat ma' "Europa Cantat", organizzazzjoni internazzjonali Ewropea li tgħaqqad il-popli ta' l-Ewropa permezz tal-kant.

Is-sena 2000 rat lill-*Chorus Urbanus* jieħu dimensjoni oħra filwaqt li ħareġ kompletament mill-qoxra parrokkjali. Taħt id-direzzjoni għaqlija ta' Mro John Galea il-Kor imbarka fuq pjan strutturali li jirrifletti perfezzjoni fl-istil u l-interpretazzjoni ta' mużika ta' ċerta klassi. Nistgħu ngħidu li dan il-għan intlaħaq. F'dawn l-aħħar snin, il-*Chorus Urbanus*, il-Kor tal-Belt, ġibed l-ammirazzjoni ta' kull min semgħu mhux biss Għawdxin u Maltin, iżda wkoll barranin. Miegħu ngħaqdu bosta membri ġodda, tista' tgħid, minn kull rokna ta' Għawdex u saħansitra barranin li jgħixu fil-Gżira Għawdxija. Il-*Chorus Urbanus* rnexxielu jkompli jxettel u jkabbar l-arti mużikali b'dehen u impenn, ħidma li ssarfet f'sodisfazzjon u suċċessi, u ferraħ lil bosta udjenzi. Fuq kollox kien ambaxxatur denju ta' pajjiżna kull meta ppreżenta ruħu f'kunċerti barra minn xtutna.

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.




# Bolli Marjani minn Għawdex għal dan il-Milied

*Kitba ta' Francesco Pio Attard*

Nhar it-12 ta' Ottubru l-*Maltapost* stampat is-sett ta' bolli tagħha għall-istaġun tal-Milied 2005. F'dawn il-bolli wieħed jista' jammira s-sbuħija tal-pitturi fil-mużajk u xogħlijiet ta' skultura fil-ġebla Maltija li bihom hu mżejjen is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Dawn il-bolli huma erba' mużajċi, marbuta mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Il-bolli jirrappreżentaw it-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabrijel lill-Verġni Marija, it-Twelid ta' Kristu minn Marija Verġni, l-Adorazzjoni tal-Maġi u l-Ħarba lejn l-Eġittu.

Il-pittura fuq il-mużajk hi xogħol ta' l-artist Malti l-Prof. Emvin Cremona (1919-1987), li ħalla xi wħud mill-aqwa kapulavuri tiegħu f'dan is-Santwarju, kollha kemm hi mimlija b'xogħlijiet ta' mużajk mill-isbaħ. Il-mużajk ġie maħdum mill-kumpanija Ferrari e Bacci ta' Pietra Santa, l-Italja. Dawn il-kwadri huma kkumplimentati minn xogħol xejn inqas sabiħ fl-iskultura b'disinn ta' l-Għawdxi l-Kav. Agostino Camilleri (1885-1979), magħruf aktar bħala Wistin, li bl-ikbar preċiżjoni u reqqa ħalla mnaqqxin fil-ġebla sabiħa tal-bażilika fuq 1,800 f'xogħlijiet ornattivi ta' skultura fl-istil Romanesk-Kostantinjan, li jirrappreżentaw simboli bibliċi marbuta mat-tema tal-kwadri.

U mhix kumbinazzjoni li d-disinn ta' dan is-sett flimkien mat-timbru kommemorattiv tassew oriġinali u attraenti tat-12 ta' Ottubru 2005, jum il-ħruġ, sar mill-Kav. Paul Camilleri Cauchi, iben Wistin, li hu wkoll wieħed mill-aqwa artisti ta' żmienna, l-aktar f'dik li hi arti reliġjuża.

Wara din l-inizjattiva biex dan is-sett ta' bolli jasal f'idejna kien hemm il-ħidma ta' Dun Gerard Buhagiar, l-editur tar-Rivista Madonna Ta' Pinu, u l-għajnuna tal-Għaqda Filatelika Għawdxija. Infatti fl-okkażjoni tal-ħruġ ta' dawn il-bolli *Ta' Pinu Publications* ħarġet edizzjoni limitata ta' 125 sett ta' *Maximum Cards*, flimkien ma' żewġ bolli personalizzati. Il-bolla ta' 7ċ turi ritratt tal-Kav. Paul Camilleri Cauchi jaħdem fuq id-disinn tal-bolli fl-*istudio* tiegħu waqt li dik tas-16ċ turi s-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. L-Għaqda Filatelika ta' Għawdex ħarġet *cover* speċjali tassew sabiħ impittra minn Anthony Grech, li turi s-Santwarju Ta' Pinu u liż-żewġ artisti Emvin Cremona u Wistin Camilleri, biex b'hekk qed tiġbor flimkien il-persunaġġi kollha involuti f'dan is-sett uniku. Dan barra sett ta' kartolini (*maximum cards*) bil-kulur li juri l-istess mużajċi ta' fuq il-bolli, maħruġa minn *Ta' Pinu Publications* fi ħdan l-istess Santwarju, li wkoll ħa ħsieb joħroġ *cover* speċjali ta' l-okkażjoni.

Għalhekk, grazzi lill-*Maltapost*, lis-Santwarju Ta' Pinu u lill-Għaqda Filatelika Għawdxija ta' dan ir-rigal imprezzabbli li taw lill-gżejjer tagħna għal dan il-Milied, bil-pubblikazzjoni ta' dan is-sett ta' bolli, u tal-kontribut kbir li bih qed jagħtu lill-promozzjoni ta' l-arti reliġjuża f'pajjiżna.

VERSI RIFLESSIVI

# IL-BALLATA TAL-BNIEDEM TAL-ĦOBŻ

*Il-poeżija ta' Charles Causley, 'Ballad of the Bread Man' maqluba b'xi addattament għall-Malti minn JW Psaila*

*Taħmi l-ħobża mill-għaġina*
*Ġewwa l-kċina drat Marija;*
*Daħal anġlu minn ġot-tieqa*
*Qallha l'għandu ħidma għalija.*

*'Minn ġol-ġenna' qallha l-anġlu,*
*'Alla bagħatni hawn għalik*
*Sabiex jagħżlek omm għal ibnu*
*F'qalb ta' qalbu ntebaħ bik.'*

*'Imma dan iseħħ kif jista,'*
*Lissen f'rogħda fomm Marija;*
*'La tgħidx hekk,' qalilha l-anġlu,*
*'Ġa mat-triq hi t-tarbija.'*

*U Ġużeppi fil-ħanut*
*Medhi f'xogħlu qajla qajla,*
*'Xwejjaħ wisq' skond il-ġirien.*
*'Għażlet fl-għama dik it-tfajla.'*

*'U min hu daż-żagħżugħ godli?'*
*Sindikajr id-diskors tagħhom;*
*Xi kliem qalu dwar Grabieli*
*Lanqas hu ta' min jismagħhom.*

*' Mma Marija siekta baqgħet,*
*Qatt ma wieġbet mistoqsija,*
*Kienet tgħożż il-kliem ta' l-anġlu*
*Bħat-tarbija ta' ġo fiha.*

*Kienet xitwa b'elezzjoni*
*U vvjaġġjaw biex jivvutaw;*
*Lil Marija ż-żmien għalqilha*
*U ebda kamra ma nagħtaw.*

*Ġo gabuba twieled bejbi,*
*Qrib ħanut l-inbid bl-irbgħajja,*
*F'nofs il-lejl delegazzjoni*
*Ġiet tarah mill-klabb tar-rgħajja.*

*Bdew jirrakkontaw splużjoni*
*Li toqba għamlet fis-smewwiet;*
*Kienu ntbagħtu biex iħabbru*
*L'Alla twieled f'lejl tas-skiet.*

*Xi jiem wara ġie arċisqof*
*Miegħu re f'ilbies biċ-ċfuf,*
*Rajjes twil b'turban ma' rasu*
*ġo karozza bulit-pruf.*



*'Ġibna magħna r-rigali,*
*Lit-tarbija rridu ħienja,'*
*Qallu semgħu b'gwerra u paċi*
*Waqt l-aħbarijiet tat-tmienja.*

*'Mma l-familja taħrab kellha*
*Mis-suldati jfittxu d-dnewwa,*
*Bl-azzarini jakkużawhom,*
*Ta' l-istat kienu għedewwa.*

*Meta lura ġew fir-raħal*
*Niesu t-tifel ma ħamlux,*
*'Jagħmel x'jagħmel' qalu huma,*
*'Fostna aħna ma nħallux.'*

*F'rasu jġorr tal-karta mlewna*
*Kien kuruna u jgħid lin-nies,*
*Dan il-ħobż mingħand missieri,*
*ħudu u kulu*
*Iżda lilu ħadd ma qies.*

*Ħadd ma deher li kien ta kasu,*
*Qisu ħadd ma kien bil-ġuħ,*
*Ħadd ma ħass ix-xebh ta' Alla*
*Li hemm moħbi ġewwa r-ruħ.*

*Jgħidu kellu tmiem ta' kruha*
*Skond ġurnali u xi xandira;*
*Jagħti ried għajxien lill-ħajja,*
*Ħadd ma kien ħbieb din l-ilsira.*

*Wieħed kien il-kastig aħrax*
*Għal reat ta' din ix-xorta*
*Qorti farsa u tir f'rasu,*
*Li jinqered kien jimporta.*

*U refgħuh żagħżugħ minn riġlu*
*U minn driegħu b'ħafna ħrara,*
*U qafluh ġo knisja kbira*
*Fejn ma ssirlu l-ebda ħsara.*

*Għall-ġimgħat hemm jibqa' fl-*
*għabra,*
*Kultant jaqbeż minn ġoċ-ċpar,*
*Ħabta u sabta l Ħadd filgħodu*
*Bħal Jack-in-the box tal-kbar.*

*Mat-triqat bil-mixi jgħaddi,*
*Il-feriti f'rasu juri*
*'Tridu ħobż?' b'ħerqa jistaqsi,*
*'Mhux illum,' jgħidu s-sinjuri.*

*Riflessjonijiet dwar l-Avvent tal-Kardinal Joseph Ratzinger, illum il-Papa Benedittu XVI, mill-ktieb tiegħu "Collaboratori della Verità: un pensiero al giorno" (Edizioni S. Paolo)*

# L-AVVENT ... X'S

## L-AVVENT: INQUMU MIN-NAGĦAS

### *Programm għall-Avvent*

San Pawl hekk kiteb lir-Rumani:-

*"Waslet is-siegħa li tqumu min-ngħas. Għax is-salvazzjoni hi eqreb minn meta bdejna nemmnu."*

*"Il-lejl għoddu għadda u qorob il-Jum"*

*"Inwarrbu mela l-egħmil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl.*

Ngħixu kif jixraq, bħal b'inhar
- mhux bl-ikel iżżejjed u bis-sokor,
- mhux biż-żina u t-tbaħrit,
- mhux bil-ġlied u l-għira,

Imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu......."

Għalhekk l-Avvent ifisser
- Inqumu min-nagħas, u
- Ngħassu u nishru.

X'irid jgħid San Pawl

- Din hi d-dinja pagana; mgħarqa fiż-żina, tbaħrid, ġlied u għira.
- Din hi d-dinja pagana. Li tiffanga fil-ħwejjeġ materjali, li tgħix fid-dlam, li nieqsa minn dak li hu veru.
- Min jgħix f'dinja pagana minkejja l-ħsejjes u l-ġenn tagħha "jongħos" mhux jgħix. Għax mhux jgħix il-vokazzjoni nisranija.
- Min jgħix ta' pagan qed jgħix ħajja falluta.

Dan li qal San Pawl, ma jgħoddx wkoll għad-dinja tal-lum li bil-mod il-mod qed issir mill-ġdid pagana?

Għaż-żmien tal-lum, x'ifisser
"INQUMU MIN-NAGĦAS"?

Ifisser:
- intajru minn fuqna il-konformiżmu lejn id-dinja ta' llum (N.B. mhux nagħmlu kif jagħmel ħaddieħor bl-iskuża "li kulħadd hekk").
- bil-kuraġġ tal-virtù tal-fidi INQUMU MIN-NAGĦAS li ma jħalliniex nintebħu bis-sejħa tagħna.

L-innijiet ta' l-Avvent huma bħal *lights,* bħal sinjali tat-traffiku li juruna t-triq, li jġegħluna nerfgħu ħarsitna 'l fuq

BIEX NINTEBĦU LI HEMM ĦWEJJEĠ OGĦLA
- MILL-FLUS
- MILL-POTER
- MILL-PJAĊIRI TAD-DINJA

## L-AVVENT IFISSER MIĠJA

L-Avvent ifisser "preżenza, wasla, miġja".

Fl-antik il-kelma "avvent" kienet tfisser il-wasla ta' xi ras kbira, ta' xi sultan jew imperatur f'xi provinċja.

Fl-antik kienet tfisser ukoll: "Alla juri ruħu, joħroġ mill-moħba tiegħu u juri l-preżenza tiegħu".

L-insara ħadu din il-kelma "avvent" u għamluha tagħhom. Għall-insara, Ġesù hu r-Re li ġie f'din il-provinċja miżerabbli li hi d-dinja u ġie biex jagħtiha rigal. X'rigal hu? IL-FERĦ TAL-PREŻENZA TIEGĦU.

B'din il-kelma "Avvent" l-insara dejjem fehmu dan li ġej:-
- ALLA HU PREŻENTI,
- ALLA MA NQATAX MID-DINJA,
- ALLA MA TELAQNIEX GĦAL RIĦNA,
- AVOLJA MA NISTGĦUX NARAWH U MMISSUH.

### ALLA JEŻISTI U JIĠI JILTAQA' MAGĦNA B'ĦAFNA MODI.

L-Avvent irid ifakkarna li l-preżenza t'Alla diġà bdiet.

**Għalhekk nemmnu li:**

Alla jrid ikun preżenti fid-dinja permezz tagħna li nemmnu. Irridu nkunu aħna li nuru l-preżenza t'Alla fid-dinja ta' llum.

X'ifisser dan fil-prattika?

Ifisser li permezz tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba tagħna, Alla jrid jifrex id-dawl tiegħu fid-dlam tad-dinja ta' llum.



*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# ENS BAQAGĦLU?



*Ix-Xemgħat ta' l-Avvent*

Ix-xemgħat ta' l-Avvent u d-dwal li nixegħlu fl-iljieli tax-xitwa huma fl-istess ħin:

- FARAĠ u
- TWISSIJA

Huma faraġ: għax għandna ċertezza li "D-DAWL TAD-DINJA DIĠÀ NXTEGĦEL FIL-LEJL TA' BETLEHEM". U diġà biddel l-lejl tad-dnub f'lejl qaddis ta' maħfra.

## AVVENT:KONVERŻJONI U ĦAJJA INTERJURI

Iż-żewġ figuri ewlenin li jiddominaw il-Liturġija tal-Avvent huma Ġwanni l-Battista u Marija.

### ĠWANNI L-BATTISTA

- huwa tip ta' bniedem li jaf li għandu missjoni x'iwettaq.
- Isejjaħ sinċerament għall-indiema u għat-tibdil fil-mentalità
- Min irid isir "KRISTJAN" irid ibiddel il-mod kif jaħsibha
- Min irid isib lil Alla għandu kontinwament jinbidel internament u jaqdef kontra l-kurrent.

Kuljum aħna bbumbardjati mid-dinja viżibbli ta' madwarna – mill-pubblicità mir-radju, mit-T. V. u mit-traffiku.

Tant inħabbtu wiċċna mad-dinja viżibbli, li tigina t-tentazzjoni li naħsbu li ma hemmx ħlief din id-dinja.

Iżda fil-fatt hemm dinja inviżibbli (ruħ, eternità, ħajja oħra eċċ.). U dak li hu inviżibbli hu wisq akbar u jiswa ferm aktar minn dawk li hu viżibbli.

Blaise Pascal darba qal espressjoni tal-għaġeb:

*"RUĦ WAĦDA TISWA FERM AKTAR MILL-UNIVERS KOLLU"*

Iżda biex ngħixu din il-verità f'ħajjitna, hemm bżonn

- li nikkonvertu u
- li naqilbu ta' taħt fuq il-mod kif naħsbuha.

Dak li hu inviżibbli nqisuh bħala aktar importanti minn dak li hu viżibbli.

Inbiddlu l-mod kif naħsbuha sabiex Alla jsir preżenti fikom u permezz tagħkom ikun viżibbli fid-dinja.

Wieħed mill-karatteristiċi tal-Avvent huwa dan:- tisħar,

## AVVENT IFISSER TAMA

tistenna, fl-istess ħin ifisser "tittama".

Ġesù dan semmih kemm-il darba:

- fil-parabbola tal-qaddejja li qed jistennew li jiġi sidhom u tal-qaddejja l-oħra li nsew li għandu jiġi sidhom u jġibu ruħhom qisu sidhom qatt ma ġie.
- Fir-rakkont tal-ħames xebbiet għaqlin li stennew lill-Għarus ġej u ħasbu għall-imsiebaħ u ż-żejt u tal-ħames xebbiet boloh għax ma ħasbux għal aktar żejt.

L-Avvent Nisrani irid jgħallimna
**NISTENNEW U NITTAMAW.**

Id-doni ta' Ġesù mhux nistennihom fil-futur iżda minn issa stess.

**ĠESÙ HU DIĠÀ PREŻENTI** minn issa stess b'mod mistur imma jkellimni b'ħafna modi:-

- ikellimni permezz tal-Kotba Mqaddsa,
- ikellimni permezz tal-Liturġija,
- ikellimni permezz tal-ħajjiet tal-qaddisin,
- ikellimni permezz tal-ġrajjiet ta' kuljum,
- ikellimni permezz tal-ħolqien.

**ĠESÙ HU PREŻENTI** minn issa stess u jien

- nista' nkellmu,
- nista' ngħolli Lejh it-tneħid u l-ilment tiegħi,
- nista' npoġġi quddiemu t-tbatijiet tiegħi, n-nuqqas ta' sabar tiegħi u l-ħtiġijiet tiegħi.

Jien konvint li Hu dejjem qiegħed hemm u jismagħni.

KTIEB X'TAQRA

# "LEJN IS-SEMA PAJJIŻNA"

**Żewġ Volumi – 160 Meditazzjoni Biblika ispirati mit-Testment il-Qadim u l-Ġdid. Kitba ta' Patri Guido Schembri OFM. Ippubblikati mil-Lumen Christi Media Centre, Victoria, Għawdex. L-Ewwel Edizzjoni 2005; Sensiela "Orizzonti Bibliċi", nri. 7 u 8; pp. 216; Lm 3 il-wieħed, Lm5 flimkien.**

*Jaqbel ħafna għal dawn iż-żewg kotba ta' meditazzjoni biblika "Lejn is-Sema Pajjiżna", miktubin mill-biblista magħruf fi gżiritna Patri Guido Schembri ofm, il-kliem tal-Mulej lill-profeta Eżejkel: "Bin Adam, kul dak kollu li ssib; kul dan il-ktieb" (Eżek 3:1), għaliex dan ix-xogħol hu tassew ikel tal-Kelma tal-Mulej mogħti lilna lkoll fil-mixja tagħna lejn is-Sema pajjiżna, mixja ta' fidi u ta' tama, u għalkemm immarkata mit-triq tas-salib, fil-quċċata tagħha ssib il-glorja u l-imħabba ta' dejjem.*

*L-awtur, professur għal ħafna snin kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta tal-Iskrittura Mqaddsa u tal-lingwi bibliċi, u magħruf tajjeb għall-kitbiet tiegħu fil-qasam bibliku, jagħtina 160 meditazzjoni ispirati mill-mixja tal-istorja tas-salvazzjoni fil-Bibbja. Kull meditazzjoni tikkonsisti f'żewġ taqsimiet; l-ewwel għandna katekeżi biblika dettaljata u b'tagħlim profond dwar xi silta jew tema biblika, u wara stedina "ieqaf... u aħseb" għall-meditazzjoni u bħala applikazzjoni tat-tema fil-ħajja ta' kuljum. Il-benna ta' dan l-ikel f'dawn iż-żewġ volumi hija l-ispjegazzjoni biblika tassew dettaljata imma fl-istess ħin konċiża li nsibu f'kull tema, kif ukoll it-tifsir ta' termini bibliċi ta' valur teoloġiku kbir. Iżda s-sigriet veru għal dan il-frott sabiħ hija bla dubju t-tbatija personali li għadda minnha l-awtur li ntgħaġnet fin-nisġa taż-żewġ kotba b'tama għall-fejqan u fuq kollox fl-imhabba u d-dedikazzjoni tal-awtur għall-Kelma ta' Alla.*




*L-ewwel volum jiġbor fil-kontenut tiegħu t-temi importanti kollha tal-Ewwel Testment tal-Bibbja. Għandna temi importanti mill-Ġenesi, il-ġrajjiet tal-Patrijarki, iż-żmien fl-Eġittu, l-istorja tal-Eżodu, iż-żmien l-imħallfin u tas-slaten, it-tagħlim tal-profeti, temi mis-salmi u l-kotba ta' l-għerf. Fuq kollox il-ktieb jagħtina tagħrif dwar l-istorja tal-poplu lhudi u dwar diversi personaġġi bibliċi taħt diversi epoki. It-tieni volum huwa nisġa oħra mill-isbaħ ta' l-aqwa tagħlim li nsibu fil-kotba tat-Testment il-Ġdid. Ta' min isemmi wkoll l-inċiżjonijiet tassew artistiċi ta' Gustave Doré mifruxa fil-wilġa tal-kontenut taż-żewġ volumi tassew sbieħ.*

*Prosit ukoll lil-Lumen Christi Publications ta' Għawdex li għal darba oħra b'ħidma tassew fejjieda qegħda tkompli tfawwar il-gżejjer tagħna b'tant kotba u kitbiet importanti; din id-darba b'ġawhra ta' tagħlim bibliku b'differenza, sabiex napplikawh fit-talb u fil-ħajja ta' kuljum. Dawn il-meditazzjonijiet ta' Patri Guido huma tassew uniċi għaliex jgħinuna sabiex nagħmlu dak il-pass importanti, mix-xjenza għall-azzjoni. M'huwiex biss meħtieġ li tkun taf fuq il-bibbja imma li tgħix skond il-Bibbja.*

*Iż-żewġ volumi huma żgur utli għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu mixja mal-Kelma ta' Alla ta' kuljum. Dawn il-meditazzjonijiet huma utli wkoll għall-gruppi ta' talb u għall-katekeżi lill-kategoriji diversi fil-parroċċi.*

*Fuq kollox, żgur li jgħinu lill-bniedem jagħmel l-itwal vjaġġ u fl-istess ħin l-iqsar wieħed fit-tul, dak il-vjaġġ tal-Kelma ta' Alla li mill-moħħ trid tinżel fil-qalb tal-bniedem fil-mixja tiegħu lejn il-glorja u l-imħabba ta' dejjem, fis-Sema pajjiżna. Dawn iż-żewġ volumi huma gwida tajba biex naslu.*

***Fr Charles Buttigieg***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 140
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2005

# *Il-Priedki ta' l-Avvent fil-Matriċi*

Id-dokument numru mija u erbgħin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi supplika ppreżentata lill-Granmastru Ramon Perellos (1697–1720). Traskrizzjoni tagħha tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-gvern reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1705–1706), folju 45r (NAG, UG, *Acta*, 9/1705–1706, f. 45r).

Din hi t-traskrizzjoni tas-supplika:

***Serenissimo Principe,***
***Il Pre[detto] Maestro Fra Giulio Magro dell'Ordine Eremitano di Santo Agostino humillissimo servo e vassallo di Vostra Altezza Serenisssima, per il desiderio che have di predicare il Vangelo, e dispensare la Divina parola al popolo fedele di Gesù Cristo per il maggior frutto e salute dell'Anime ascoltanti, humillmente la supplica degnarsi concedergli il pulpito della Chiesa Matrice del Gozzo e destinarlo predicatore per l'Avvento prossimo venturo di questo anno 1705, e per la quadragesima del 1706, suppondeno l'Oratore che il sudetto pulpito non sia provisto per quel tempo, della gratia e benignità s'esibisce, e s'obbliga l'Oratore pregare Sua Divina Maestà per la conservazione e longevità di Vostra Altezza Serenissima; quam Deus***

Il-predikatur Mastru Fra Ġulju Magro ta' l-Ordni ta' l-Eremiti ta' Santu Wistin beda biex stqarr lill-Granmastru bil-ħeġġa kbira tiegħu biex ixandar il-vanġelu u jwassal il-Kelma ta' Alla lill-poplu fidil ta' Ġesù Kristu għall-ikbar ġid u għas-saħħa spiritwali ta' l-erwieħ li jisimgħuh.

Għal din ir-raġuni hu talab lill-Granmastru ħalli jikkonċedilu l-pulptu tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex biex jagħmel il-priedki ta' l-Avvent tas-sena 1705 u tar-Randan 1706. Għarraf ukoll lill-Granmastru li kellu tagħrif li l-post ta' dak il-predikatur kien għadu ma ngħatax għall-imsemmi żmien. Fi tmiem ir-rikors, Patri Ġulju wiegħed lill-Granmastru li sejjer jitlob għalih lil Alla biex jagħtih is-saħħa u ħajja twila.

L-għażla finali tal-kwareżimalist, kif inhu msejjaħ il-predikatur ta' l-Avvent u tar-Randan fi knisja kolleġġjata, kienet f'idejn il-Granmastru. Iżda l-għażla kienet issir wara indikazzjonijiet mogħtija lilu mill-Arċipriet tal-Knisja Matriċi u l-kapitlu ta' l-istess Kolleġġjata.

Il-Granmastru kien igawdi dan id-dritt peress li l-fondazzjoni għall-kwareżimalist kienet saret mill-mexxejja ta' Malta. Il-fondi kienu amministrati mill-Universitas. Kienu diversi dawk li kienu jippreżentaw ir-rikors biex jintgħażlu bħala kwareżimalisti. Dan mhux biss għax kien ta' prestiġju li tippriedka fil-Matriċi, iżda wkoll għaliex kien isir ħlas tajjeb ħafna. Taż-żewġ korsijiet, il-predikatur kien jingħata s-somma sabiħa ta' 35 skut (Ewro 6.79). Sittin skut kienet paga ta' sena.

Il-predikaturi ta' l-Avvent u tar-Randan fil-Matriċi kienu jkunu dejjem fost l-aqwa ta' Malta. Il-priedki ma kinux biss għan-nies. Anki l-membri tal-Kapitlu kienu joqogħdu jisimgħuhom bil-qegħda fuq bankijiet li kienu jintramaw apposta fuq il-presbiterju tal-Matriċi.


Serenissimo Principe
45
Il Pre[detto] M[aest]ro F[ra] Giulio Magro dell'Ordine Eremitano di S[an]to Agostino humillissimo servo e vassallo di V[ostra] Altezza Serenissima per il desiderio, che have di predicare il Vangelo, e dispensare la Divina parola al popolo fedele di Gesù X[ris]to per il maggior frutto e salute dell'Anime ascoltanti humilmente la supplica degnarsi concedergli il pulpito della Chiesa Matrice del Gozzo e destinarlo Predicatore per l'Avvento prossimo venturo di q[ue]sto anno 1705 e per la quadragesima del 1706, supponendo l'Oratore che il sudetto pulpito non sia provisto per quel tempo, della gratia, e benignità s'esibisce e s'obliga l'Oratore pregare S[ua] Divina Maestà per la conservatione e longevità di V[ostra] Altezza Serenissima, quam Deus &c.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (41)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IS-SITT PARTI)*

## IS-SEHEM TAGĦNA FIL-QUDDIESA

**Kif insibu fir-raba' ktieb ta' *L-Imitazzjoni ta' Kristu* (kap V n. 3): "Is-saċerdot li jiċċelebra l-quddiesa, jagħti ġieħ lil Alla, jimla bil-ferħ lill-anġli, jedifika l-Knisja, jgħin lill-ħajjin, iġib il-mistrieħ lill-mejtin, u jieħu sehem f'kull ġid, hu innifsu". San Franġisk de Sales, fil-*Filotea* (II.ktieb, kap XIV), il-quddiesa jsejħilha " iċ-ċentru tar-Reliġjon Nisranija, il-qalb ta' kull devozzjoni, ir-ruħ tal-pjetà vera, il-misteru ineffabbli, li jiġbor fih l-abbiss ta' karità divina, li bih Alla, fil-waqt li jingħata għalina, iqassmilna bil-kotra l-grazzji tiegħu". Minn dan li għidna jidher ċar, kemm is-sagrifiċċju tal-quddiesa , bl-effetti tiegħu li jħalli fina, jista' jgħin għat-tqaddis u għall-progress spiritwali tagħna.**

Il-membri kollha tal-Knisja jgawdu mill-"frott" jew il-ġid spiritwali ta' kull quddiesa li titqaddes, b'mod speċjali jieħdu mill-frott tas-sagrifiċċju ewkaristiku, l-persuni li għalihom tkun offerta l-quddiesa, u dawk li jkollhom sehem attiv fiha, ċioe' s-saċerdot li jqaddes u dawk li jkunu preżenti. Dan il-frott tal-quddiesa, xi teologi, jqassmuh fi tliet kwalitajiet: il-frott ġenerali, li jinkiseb f'kull quddiesa, mill-insara kollha ħajjin u mejtin; il-frott speċjali jeħduh dawk li għalihom tiġi applikata l-intenzjoni tal-quddiesa; u l-frott speċjalissmu huwa dak tas-saċerdot ċelebrant u ta' dawk li jkunu preżenti għall-quddiesa u li joffruha flimkien miegħu.

### *L-obbligi ta' l-insara dwar il-Quddiesa*

Bħala jum iddedikat lil Alla, il-poplu nisrani, sa minn żminijiet l-iktar bikrin, beda josserva l-jum tal-Ħadd, li huwa l-ewwel jum tal-ġimgħa, flok is-Sibt, l-aħħar jum tagħha, kif kienu jagħmlu l-Lhud. Il-Jum tal-Ħadd, ifakkar il-qawmien ta' Kristu minn bejn l-imwiet, kif ukoll l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli, u l-bidu tal-missjoni tal-Knisja, żewġ ġrajjiet li seħħu fil-jum tal-Ħadd. Flimkien mal-Ħdud, il-Knisja, għażlet ukoll xi festi kbar, li jaħbtu fost il-ġimgħa, biex ikunu ġranet ta' l-obbligu, jiġifieri li fihom, barra milli jieqfu mix-xogħol tas-soltu, għandhom ukoll id-dmir li jieħdu sehem fil-quddiesa. Hija ħaġa ta' min ifaħħarha u irrikkmandata mill-Knisja, li l-Kattoliċi jieħdu sehem ta' kuljum fis-sagrifiċċju ewkaristiku ( Kompendju tal-Katekiżmu n. 289 ).

Skond il-Liġi tal-Knisja, " Fil-Ħdud u fil-Festi l-oħra tal-preċett, l-insara għandhom l-obbligu, li jieħdu sehem fil-quddiesa (Kan 1247). Wieħed jista' jissodisfa dan l-obbligu fl-istess jum tal-festa jew fil-lejla ta' qabel. (Kan 1248, 1) Kull nisrani, għalhekk, li daħal fl-użu tar-raġuni, għandu dan id-dmir, taħt piena ta' dnub mejjet, jekk ma jkunx skużat għal xi raġuni ġusta. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.2181): "Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'jum il-Ħadd hi l-pedament u t-twettiq tal-ħajja nisranija kollha. Hu għalhekk li l-insara huma obbligati jissieħbu fl-Ewkaristija fil-festi kmandati, sakemm ma humiex skużati minħabba xi raġuni gravi, bħal ma hu l-mard, il-ħsieb tat-trabi u tat-tfal żgħar, jew huma dispensati mill-kappillan propju tagħhom. Dawk li jonqsu minn dan id dmir għax iridu, jagħmlu dnub gravi".

Il-Papa Piju XII fl-enċiklika *Mediator Dei* kien kiteb: "Jeħtieġ li l-insara kollha, iqisu bħala dmir prinċipali tagħhom u unur mill-aqwa li jieħdu sehem fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku, billi jkunu preżenti, mhux b'mod passiv, bl-indifferenza u moħħom band'oħra; iżda b'impenn u b'ħeġġa hekk li jkollhom kuntatt mill-qrib mas-Saċerdot il-Kbir, kif jgħid l-Appostlu, 'Qisu li jkollkom is-sentimenti ta' Kristu' ( Fil 2,5) u waqt li









joffru lilhom infushom ma' Kristu u permezz ta' Kristu, jitqaddsu wkoll miegħu".

Il-Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* (n. 48) tfakkarna li "l-Knisja tixtieq ħafna li l-insara meta jipparteċipaw f'dan il-misteru tal-fidi, ma jkunux qishom barranin jew spettaturi siekta; iżda billi jifhmu aħjar ir-riti u t-talb jieħdu sehem fl-azzjoni mqaddsa; konxji ta' dak li jkunu qegħdin jagħmlu, bid-devozzjoni u b'kollaborazzjoni sħiħa. Għandhom jieħdu t-tagħlim tal-kelma ta' Alla, u jitmantnew bl-ikla tal-Ġisem tal-Mulej, bir-radd ta' ħajr lil Alla. Waqt li mhux biss minn idejn is-saċerdot, imma wkoll flimkien miegħu joffru l-vittma bla tebgħa, għandhom jitgħallmu joffru lilhom infushom. Permezz ta' Kristu Medjatur, minn jum għall-ieħor, jissaħħu f'għaqda, dejjem ikbar ma' Alla u bejniethom biex Alla jkun tabilħaqq f'kollox f'kulħadd".

Matul il-quddiesa meħtieġa il-parteċipazzjoni esterjuri, billi wieħed jieħu sehem fil-kant u fit-talb li jsir u jkun konformi mal-kommunità, billi jagħmel bħal membri l-oħra tal-ġemgħa sewwa jekk ikunu bil-wieqfa, għarkupptejhom jew bilqegħda. " Dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni - tgħidilna l-Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman ( n. 20 ) – għandhom igibu ruħhom ilkoll xorta waħda, f'dik li hi pożizzjoni, għax dan huwa sinjal kemm tal-għaqda tal-fidili miġbura f'ġemgħa waħda, kif ukoll fid-dispożizzjoni spiritwali tagħhom u bis-saħħa ta' din l-uniformità jitheġġu iżjed fis-sehem li jieħdu".

Imma, mhux biżżejjed l-atteġġjament estern, hemm bżonn ukoll tal-parteċipazzjoni tar-ruħ,ċioe id-dispożizzjonijiet interni li n-nisrani għandu jkollu, biex jieħu sehem xieraq fil-quddiesa, bħalma huma l-umiltà, l-indiema tad-dnubiet, l-adorazzjoni u r-radd il-ħajr lil Alla, il-fidi fi Kristu u l-imħabba Lejh. Id-dispożizzjoni fundamentali biex niksbu profitt mill-quddiesa hija dik li nżommu ħajjin fina l-istess sentimenti li għandu Kristu, l-Vittma Divina, għax sabiex l-insara preżenti iħossu fihom l-effett tas-sagrifiċċju ewkaristiku, hemm bżonn li jkunu magħqudin mal-passjoni ta' Kristu bil-fidi u bil-karità. Jekk nieħdu sehem kif imiss fil-quddiesa, nitheġġu fix-xewqa tas-salvazzjoni u tas-santifikazzjoni tagħna. Hija x-xewqa qaddisa li permezz tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku, nitqaddsu u nikkoltivaw bl-iktar mod perfett, il-ħajja sopranaturali li hemm fina.

Kif tgħallimna l-istruzzjoni *Eucharisticum Mysterium* (25/5/67) n. 12 : "L-insara jkollhom sehem iktar perfett fil-quddiesa, meta bid-dispożizzjonijiet meħtieġa, jirċievu l-Ġisem tal-Mulej b'mod sagramentali fil-quddiesa stess". Għad li wieħed jista' jitqarben anki barra mill-quddiesa, iżda jixraq ħafna, li l-insara jekk ikunu mħejjijn sewwa jersqu jitqarbnu wara li jitqarben is-saċerdot, fil-quddiesa li jkunu qegħdin jieħdu sehem fiha. Jekk wieħed għar-raġuni jew oħra, ma jkunx jista' jitqarben, dejjem jista jagħmel it-Tqarbina tax-Xewqa, li hija ta' għajnuna spiritwali għal kull min jagħmilha.

*(Jissokta)*

**FOLKLOR GĦAWDXI**

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Wieħed u Erbgħin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

# *IL-KEMMUN*

Waħda mill-gżejjer ta' l-arċipelagu Malti jisimha Kemmuna għax jidher li fil-bidu l-gżejjer tagħna kienu mlaqqmin għaż-żrieragħ: Għawdex għadsa, il-gżira ż-żgħira Kemmuna, jew żerriegħa tal-kemmun, u l-iskoll li hemm 'il barra minn Wied iż-Żurrieq Filfla, jew żerriegħa tal-filfel. Din hija wkoll l-opinjoni tal-patri ġiżwita Manwel Magri, S.J.

Illum ħafna nies ma jafux x'inhu kemmun għax m'għadux jinżera', imma dari, u jien niftakru sewwa għax konna niżirgħuh aħna stess fir-raba' tagħna, kien popolari ħafna, u kien jinżera' biex il-bidwi jdaħħal xi ftit flus ħalli jkollu biex iħallas il-qbiela tar-raba' tiegħu. Skond id-Devot ta' Marija ta' Settembru, 1916, p. 143, il-kemmun beda jitkabbar f'Għawdex fl-1913. Imma jkolli ngħid li din kienet introduzzjoni oħra ta' dan il-prodott meta nstab is-suq għalih. De Soldanis (seklu tmintax) kien jaf xi tfisser sewwa l-kelma kemmun.

## *Iż-Żrigħ tal-Kemmun*

Infatti, il-kemmun kien ilu jinżera' fil-gżejjer Maltin għal mijiet ta' snin. Il-Kommendatur G. F. Abela, fil-ktieb tiegħu Della Descrittione di Malta stampat f'Malta fis-sena 1647, jgħid li l-bdiewa Maltin kienu ilhom żmien twil jiżirgħu ħafna kemmun u li dan il-kemmun isifruh kollu għal pajjiżi oħra.

Il-kemmun kien xitla tar-razza tal-bużbież, tursin karfus, ferli, pitravi u zfunnarija (tal-familja *Apiaceae* qabel imsejħa *umbelliferae*, innissla fil-lvant nofsani, xitla li tikber xi 15-il ċentimetru jew 6 pulzieri) u, għalhekk, iż-żerriegħa tiegħu kien ikabbarha fi fjuri żgħar bojod jew fir-rioża sura ta' umbrella. Għalkemm iż-żerriegħa kienet tixbah lil tal-bużbież, imma kienet xi ftit itwal u irqaq. Nafu wkoll li ż-żerriegħa tal-kemmuna tajba biex tintuża ħalli biha jħawru l-*curry*, is-sopop u l-laħmijiet.

Il-kemmun kien jibda jinżara' minn Jannar, ikompli fi Frar, iżda l-biċċa l-kbira kien jinżara' għall-ħabta tax-xahar ta' Marzu. Il-bidwi l-ewwel kien jaħdem ir-raba' tajjeb, imbagħad jiżra' bil-keff, jiġifieri jxerred iż-żerriegħa ma' wiċċ il-għalqa, biex tinbet.

## *It-Tisfija*

B'xorti ħażina mal-kemmun kien jitla' ħafna ħaxix ħażin. Allura kien ikun meħtieġ li dan il-ħaxix kemm jista' jkun jitnaqqa' ħalli l-kemmun jikber aktar b'saħħtu u jagħmel żerriegħa sabiħa. Dan ix-xogħol kien isir l-aktar min-nisa u x-xebbiet li kienu joħorġu mid-dar biex isaffu l-kemmun lil min iqabbadhom. Jekk il-ħaxix ħażin ma jitnaqqiex u l-kemmun ma jissaffiex, allura l-ħaxix kien joħonqu u wieħed ma kienx jista' jiġbor wiċċ sabiħ u kotran.

## *Il-Ġbir tal-Kemmun*

Il-kemmun kien jilħaq f'Mejju, jekk ikun bikri, u fix-xahar ta' Ġunju u kien jinqala' bl-idejn. Minn dan naraw li l-kemmun kien prodott li jitrabba malajr għax kien jinżara' fl-aħħar tax-xitwa u sa dħul Ġunju jkun laħaq u sar. Imbagħad kien jitqiegħed fuq xi bejt baxx biex jinxef iżjed, inkella fuq il-qiegħa fejn, wara li jitħalla jinxef xi ftit, kienu jdoqquh bi stanga biex ifarfrulu ż-żerriegħa. Wara jgħarbluh tajjeb ħalli jifirdu ż-żerriegħa għaliha mix-xitla. Wara jerġgħu jgħarbluh minħabba l-ġebel u żwiel ieħor, u fl-aħħar iġelbnuh fiż-żiffa biex iż-żerriegħa tissaffa sewwa mit-trab u l-għabra. Fl-aħħar jiġbruha fix-xkejjer għall-bejgħ. Kien importanti ħafna li ż-żerriegħa tal-kemmun tkun nadifa u safja kemm jista' jkun biex iġġib flus tajba.

Il-ħaxixa tal-kemmun ma kienet tajba għalxejn ħlief biex tintefa' f'rokna fir-raba' ħalli ssir demel. Din kienet tissejjaħ it-tfur tal-kemmun.

## L-Esportazzjoni

Il-kemmun kien jitkabbar għall-esportazzjoni. Kien hawn neguzjanti tal-kemmun kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta. F'Għawdex kienu jinneguzjawh l-aħwa Magro ta' Għakrex, magħrufin ukoll għax-xogħol tal-kunserva tat-tadam, li kellhom l-imħażen tagħhom fi Triq Santa Marija, ir-Rabat. L-esportazzjoni ta' dan il-prodott ġie li laħqet il-mijiet ta' tunnellati.

Fil-bidu n-negozju tal-kemmun kien monopolizzat tista' tgħid minn ftit importaturi Franċiżi li kien hemm f'Marsilja. Kienu ditti kbar li kienu jagħmlu negozju kbir fil-kemmun. Għal ħafna pajjiżi oħra kienet tiġi esportata kwantita' limitata, iżda s-suq kien tista' tgħid immexxi minn dawn id-ditti Franċiżi.

Iżda bil-mod il-mod u bit-tħabrik ta' xi ditti esportaturi Maltin, dan il-monopolju nqata' għal kollox, u l-kontroll min-naħa tal-Gvern Malti għen biex minn Malta tkun tista' tintbagħat kwalita' tajba ta' kemmun li sabet is-suq tagħha f'diversi pajjiżi mxerrda mad-dinja. Pajjiżi ta' l-Amerika ta' Fuq u ta' Isfel bdew jordnaw il-bżonnijiet tagħhom direttament mis-suq Malti u b'hekk il-qligħ li kien isir mill-ispekulaturi barranin beda jidħol fil-but ta' l-esportatur Malti li minnu mbagħad kien jieħu sehmu wkoll il-bidwi Malti u Għawdxi.

Minn meta l-Gvern Malti, permezz tad-Dipartiment tal-Biedja, ħa l-kontroll f'idejh, u l-kemmun beda jintbagħat direttament lejn l-Arġentina, iċ-Ċili, Kuba, l-Ekwador u l-Istati Uniti, il-prezz kien stabbilixxa ruħu bejn żewġ liri u nofs u tliet liri u nofs il-qantar, flus tajba ħafna għas-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

## It-Tindif

B'xorti ħażina, bħal dejjem, kien hemm bdiewa li jaraw sal-ponta ta' mneħirhom u ġie li kienu jibagħtu kemmun li ma kienx ikun mgħarbel u mnoqqi tajjeb. Il-konsegwenzi kienu jkunu li l-prezz jaqa' u l-prodott Malti u Għawdxi jieħu fama ħażina. Għalhekk, kien hemm każi meta l-prezz li jġib kien ikun baxx ħafna. Iżda kien hemm każi oħra meta l-kemmun laħaq prezz ta' seba' liri l-qantar.

Ħalli hawnhekk ngħidu xi ħaġa fuq it-tindif tal-kemmun. Meta l-kemmun ma kienx ikun imnaddaf sewwa kien jasal Malta ħafna tgemgim min-neguzjanti barranin. Dawn kienu jgħidu li l-kemmun ma kienx qiegħed jitnaddaf sewwa għax il-bdiewa qed iħalluh mimli bil-bċejjeċ taz-zkuk, trabijiet, ħamrija, żrar irqiq u żrieragħ ta' ħaxix ieħor. Issa kemmun maħmug jew marid kien iġib prezz baxx ħafna għax ix-xerrej kien inaqqas il-piż tat-trab, żrar u zkuk li jkun fih il-kemmun, u jitħallas ukoll ta' l-ispiża li jkun għamel biex inaddfu. Kien hemm każi fejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ma riedx iħalli kemmun ta' Malta jidħol f'dak il-pajjiż għax ma kienx imsoffi sewwa. Kemmun li ma kienx igħaddi mill-analisi li kienet issirlu kien jitqies bħala 'ħaġa falza' jew 'adulterata' u ma kienx jitħalla jidħol.

F'dawk iż-żminijiet kien jiġi rakkomandat li l-bidwi kellu jiġbor bil-galbu kollu l-kemmun mingħajr ma jtella' miegħu l-ħamrija u żrar ma' għeruqu u jwarrab il-ħaxix ħażin kollu mill-għarma tax-xtieli tal-kemmun. Il-kemmun kellu jingħabar fuq bejt nadif u fuq art iċċangata u mhux fuq il-qiegħa fejn jidres il-qamħ jew il-ġulbiena. Il-bċejjeċ taz-zkuk, tal-għeruq u t-trab tal-weraq kien jista' jeħles minnhom billi jderri tajjeb il-kemmun u jerġa' jgħarbel sakemm il-kemmun ikun nadif u sabiħ bħal dak li naraw f'xi wirja argrarja.

## Magni tat-tidrija tal-Kemmun

Fis-snin għoxrin kienu nġiebu wkoll xi magni minn xi neguzjanti xerrejja biex iderru sewwa l-kemmun qabel ma jsifruh. Dawn il-magni kienu tajbin wisq għal dan ix-xogħol, u għalhekk, għalkemm il-bidwi kellu joqgħod wisq attent meta jkun jiġbor jew idoqq il-kemmun, u kellu wkoll idenih tajjeb, ma kienx jagħmel ħażin li kellu wkoll jissellef waħda minn dawn il-magni biex ikompli jsaffi l-kemmun tiegħu.

## Għalfejn kien jinxtara l-Kemmun?

X'kien isir mill-kemmun li kien ikun esportat minn Malta u Għawdex f'pajjiżi daqshekk imbiegħda? Wieħed m'għandux għax jiskanta meta ngħid li ma nafux eżatt. Hemm min igħid li l-pajjiżi importaturi kienu jużawh biex iħalltuh mal-għalf tal-bhejjem fejn hemm il-kesħa, inkella bħala ħwawar ma' l-ikel jew għal ħwejjeġ mediċinali. Oħrajn igħidu li kien jinħadem għal-likuri u għall-mediċina, jew inkella ħalli jagħtuh xi ftit liż-żwiemel biex isaħħuhom għat-tiġrija. Hu x'inhu, il-kemmun kien prodott imfittex ħafna, u l-kemmun ta' dawn il-gżejjer kien preferut minn dak ta' pajjiżi oħra. Jista' jkun li dan kien hekk għax il-kemmun ta' dawn il-gżejjer kien ikbar fid-daqs u kellu aroma aktar qawwija minn dik ta' pajjiżi oħra.

Il-kemmun kien prodott li l-bidwi kien jagħmlu biex idaħħal xi ħaġa tal-flus (cash crop). Issa dan il-prodott kellu vantaġġ kbir fuq prodotti oħra li jsiru għall-flus (cash crops) bħall-patata u basal, minħabba li ma jitħassarx u jekk kien ikun merfugħ sewwa wieħed seta' jżommu anki sa sentejn, u għalhekk il-bidwi ma kellux għalfejn jeħles minnu bir-rħis, imma seta' jissaportih sakemm iġib prezz aħjar.

## Immunazzjoni biex ma jdewwidx

Dwar din il-ħaġa tajjeb li wieħed iżid hawnhekk li l-importaturi ta' Marsilja kellhom xi metodu biex b'xi mod jimmunizzaw il-kemmun ħalli ma jdewwidx u hekk setgħu jżommuh mingħajr ma jitħassar għal xi żmien sakemm iġib prezz aħjar. Jidher li kien hemm diversi modi. Imma l-ebda wieħed ma wasal għandna biex infissru kif kien kienet issir din il-biċċa xogħol.

## Iż-Żest tal-Kemmun

Il kemmun kien ikidd l-art u għandu mnejn biż-żest tiegħu jagħmlilha l-ħsara għal xi wċuħ li jiġu warajh. Iż-żest kienet sustanza li tiġi mill-għeruq tal-kemmun u li kienet ta' velenu għal xi uċuħ oħra. Għalhekk, wara l-wiċċ tal-kemmun il-bidwi kien jew jiżra' l-qamħ, inkella jagħżaq bid-demel biex jerġa' jsewwi l-art għall-għalla ta' l-uċuħ l-oħra.

Milli jidher iż-żest tal-kemmun kien jiġi anki minn għeruq nexfin. Tgħid, mela, għalhekk il-bdiewa tagħna kienu jaqilgħuh bl-egħruq b'kollox?

*(Jissokta)*

# Tarbija Mfisqija f'Maxtura

*Meditazzjoni Biblika minn **Mons. Lawrenz Sciberras***



It-twelid ta' Ġesù f'Betlehem ġara mingħajr ebda ħoss u storbju tad-dinja. Però dak li ma għamluhx il-bnedmin għamluh l-anġli tas-Sema. Huma dehru lir-ragħajja ta' Bet Sahur u tarfulhom b'dak kollu li ġara madwar żewġ kilometri bogħod minnhom f'Betlehem: It-twelid ta' l-Emanweli. Pero kien hemm bżonn ta' sinjal minn barra sabiex dawn l-ewwel nies tant ixxurtjati jsiru jafu min hu tassew din it-tarbija: U s-sinjal jagħtihulhom l-anġlu stess: "issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura" (Lq 2,12). Fil-vers 7 Luqa diġa għamel ukoll riferenza għall-fsieqi li Marija geżwret bihom lil binha tarbija.

### *Fost in-nies tal-qedem*

Din li hekk kif titwieled tarbija kienu jfisquha, hija xi ħaġa komuni. U r-raġuni prinċipali kienet biex isaħħu l-partijiet ta' ġisem it-tarbija. Hekk Platun jgħid li omm għandha ddum tfisqi lil binha sakemm dan ikollu sentejn. Hekk ukoll huwa l-parir tat-tabib ċelebri Claudio Galeno, li għex bejn il-129 u 201 wara Kristu. Huwa jgħid: It-tarbija hekk kif titwieled għandha tiġi mfisqija fil-ħrieqi, u dan dejjem biex jissaħħaħ ġisimha". Iżda jidher li Luqa kellu xi messaġġ x'iwassal, mela d-dettal tal-fsieqi li bihom kien imgeżwer Ġesù, jagħtih ċerta importanza. S. Cantone jikkonferma: "Dan id-dettal, li ma jissemmiex fil każ tat twelid tal Battista, huwa msemmi darbtejn fil-każ tat-twelid ta' Ġesù". U għalhekk Luqa aktar minn sempliċi drawwa kellu f'moħħu ħsibijiet aktar għoljin marbutin mal-fsieqi.

U fost l-ewwel tifsir tal-fsieqi hemm dik marbuta mal-kundizzjoni umana tat-tarbija Ġesù, jiġifieri **l-faqar li bih kien imdawwar Iben Alla** meta sar wieħed bħalna. Imwieled f'imkien mikxuf għall-bard u r-reżħa ta' l-ambjent ta' Betlehem. Din tal-faqar kompliet tidher waqt diversi mumenti ta' ħajjet Ġesù. Eżempju waqt il-preżentazzjoni tat-tarbija fit-tempju: l-offerta li għamel San Ġużepp kienet waħda tal-fqar (Lq 2,24). Darb'oħra Ġesù stess qal: "Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom, u l-għasafar tas-sema l-bejtiet; iżda Bin il-Bniedem ma għandux fejn imidd rasu" (Mt 8,20). U jekk Ġesù twieled f'imkien li ma kienx tal-familja tiegħu, lil Ġesù difnuh ukoll f'qabar li ma jappertenix lilu jew lil familja tiegħu. Mela l-fsieqi l-ewwel u qabel kollox ifissru l-faqar ta' Ġesù.

### *Faqar u ġieħ*

Iżda missirijiet il-Knisja fil-fsieqi minbarra l-uman, bniedem, raw ukoll id-divin, Alla minbarra l-faqar raw ukoll il-għana spiritwali tat-tarbija. Imma din il-verita' tad-divin u l-uman qabel ma ntebħu biha u fissruha l-għorrief u qaddisin tal-Knisja, qalilna l-evanġelista Luqa innifsu. Veru li s-sinjal li taw lir-ragħajja kienu l-fsieqi, mela l-faqar u l-maxtura, mela r-rifjut tan-nies, imma madwar l-istess ragħajja ta' Bet Sahur "il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir" (Lq 2,9). Għalhekk dejjem skond ma jrid jgħallem l-evanġelista Luqa, b'dik l-espressjoni tipika tiegħu GLORJA, l-ewwel lir-ragħajja imbagħad lin-nies tad-dinja, minn barra tarbija bniedem, hemm fil-fsieqi hemm ukoll id-divinn, Alla fostna u magħna. L-anġli ta' Bet Sahur emmnu lil anġli mhux biss għal dak li qalulhom, imma fuq kollox għall-GLORJA li raw madwarhom dejjem minħabba dan it-twelid uniku u divin.





Hekk San Ċirillu ta' Lixandra (+444) filwaqt li jħares lejn il-fsieqi, jaħseb ukoll fil-glorja li ddiet madwar ir-ragħajja u jgħid hekk: "Meta wieħed jara l-Bambin Gesu' fil-fsieqi, ara li ma taħsibx biss dwar Ġesù bħala bniedem. Imma pprova li terfa' l-menti tiegħek u taħseb fil-glorja tiegħu. Itla' sas-Sema u hemm tarah fuq it-tron ċelesti. Tisma' s-Serafini jfaħħruh u jistqarru li s-Sema u l-art huma l-maqgħad tal-glorja tiegħu".

San Ljun il-Kbir (+461) jgħallem li sa mill-ewwel mument, fil-persuna ta' Iben Alla dehret kemm **l-umiltà kif ukoll il-majestà t'Alla.** Għaliex waqt li l-benniena turih bħala tarbija ċkejkna, is-Sema u l-esseri ċelesti jiġifieri l-anġli jagħrfuh bħala l-ħallieq tagħhom. Sa mill-ewwel waqt tat-twelid tiegħu, is-smewwiet iħabbru l-glorja t'Alla u ma' l-art kollha xtered il-leħen tal-verità. Dan seħħ meta l-anġli taw l-aħbar ta' ferħ lir-ragħajja, u meta kewkba mexxiet il-Maġi. Ikompli San Ljun: għaliex, fil-waqt li l-fsieqi u l-faxex li kienu jfisquh urewh bħala skjav, imma minn dak li ħabbruh l-anġli, u wrewh l-elementi u adurawh ir-ragħajja, dan huwa l-Iben ta' Alla".

### *Il-fsieqi u l-Maġi*

Il-miġja tal-Maġi jfittxu s-sultan li għadu kemm twieled, ir-rigali li ressqulu kif ukoll l-adorazzjoni profonda li taw lit-tarbija, dan kollu jipprova li 'il hinn mill-fsieqi li raw b'għajnejhom, il-maġi kkonkludaw li din kienet tarbija maqgħud mad-divin. Sant'Ilarju ta' Pjoitiers (+365) għandu dan x'jgħid: "Dak li twieled huwa Alla magħna. Il-Maġi raw dawl ġdid ġej mis-sema, sinjal tal-Mulej. U hekku: Il-Maġi waslu, u aduraw lil dak li huwa **mgeżwer fil-fsieqi**. Ġara għalhekk li permezz tal-Maġi ngħatat adorazzjoni fost il-faqar tal-presepju. Għat-tnehid tat-tarbija kien hemm mill-għana ta' ferħ ta' l-anġli. Dan it-twelid ġie mniedi mill-profeti, imħabbar mill-anġli u mxandar mid-dawl speċjali tal-kewkba. Teżisti differenza kbira bejn dak li wieħed jifhem u dak li jara: altru tara bil-għajnejn tal-ġisem u altru b'dawk tar-ruħ. Xebba twelled, imma dan it-twelid huwa divin. It-tarbija tibki iva, imma l-biki tagħha jisimgħuh l-anġli. Il-fsieqi juru x-xejn, imma hawn Alla qed jiġi adurat.

Fuq l-istess linji u ħsieb ikompli Sant'Efrem (+373) għaliex fil-fsieqi jara simbolu ċar ta' umiltà, imma fl-istess waqt hemm l-istqarrija tal-glorja murija mill-Maġi. "Huwa kollu veru li fil-fsieqi li geżwru lit-tarbija deher iċ-ċokon tiegħu, imma fir-rigal tal-Maġi u l-adorazzjoni li tawh dehret tassew id-divinità".

San Pietru Krisologu (+450) ifisser u jwessa' sew kliem l-appostlu Pawlu: "Għad li kien għani, ftaqar" (2 Kor 8,9), ikompli: "Huwa li kien għani fid-dinjità tiegħu, sar fqir fl-umanità". Meta, imbagħad jaħseb fuq il-ġrajja tal-Maġi, ikompli: "Fejn hu s-sultan tal-Lhud li twieled? Għaliex kif inhi din li s-sultan tal-Lhud qiegħed mimdud f'maxtura u mhux le fit-Tempju? **Għaliex mhux liebes il-porpra imma mgeżwer fil-faxex?** Għaliex qiegħed moħbi ġo għar, u ma jidhirx pubblikament fil-Maqdes? Iva, kienu xi annimali li laqgħuh ġo maxtura u intom ma lqajtuhx ġo djarkom".

**It-twelid tat-tarbija ta' Betlehem huwa imgeżwer f'misteri kbar.** Twelid li għalkemm ilu maħsub u mħabbar bosta snin qabel, juri l-imħabba bla tarf t'Alla l-Missier li bagħat lil Ibnu fostna tarbija. Għaliex lejn tarbija ħadd ma jibża' biex jersaq. U aktar ma tersaq fqir lejn din it-tarbija ta' Betlehem hija aktar tagħmlek għani, aktar ma tersaq żgħir u ċkejken aktar timliek bil-ferħ u l-paċi, aktar ma tinżel biex taduraha, aktar tkun qed tħejji l-adorazzjoni lejha u dejjiema fis-Sema.




SMUGGLER'S CAVE
BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY





# IL-MILIED FIL-LETTERATURA GĦAWDXIJA

*Kitba tal-Kav. Joe M. Attard*

Il-Milied: kelma qasira, iżda qawwija; kelma li tferraħ u tgħaqqad; kelma li tħabbeb u tnissel paċi u sliem f'kulħadd u kullimkien. U dan ma jistax ikun mod ieħor, għax il-Milied huwa festa universali li ma jfakkruhiex biss il-Maltin u l-Għawdxin, iżda tista' tgħid, il-ġnus kollha tad-dinja. Din il-festa ma setgħetx ma tħabbatx fuq il-bieb tal-muża tal-kittieba tagħna li mill-pinna tagħhom ħarġu vrus mill-isbaħ biex ifakkru l-ġrajja tat-Twelid tat-Tarbija Divina fl-għar ta' Betlem f'lejl kiesaħ u xitwi għan-nifs sħun ta' baqra u ħmara.

F'nofs il-lejl ta' bejn l-erbgħa u għoxrin u l-ħamsa u għoxrin ta' Diċembru nkitbet l-aqwa paġna fl-Istorja ta' l-umanità – twieldet tarbija ħelwa f'maxtura fqira u l-bniedem ġie mifdi minn dnubietu. Il-Messija, l-Iben Waħdieni tal-Verġni Mqaddsa, niżel mis-Sema u ġie fostna. Hekk kiteb il-Poeta Għawdxi l-Kan. Joe Mejlak f'waħda mill-poeżiji tiegħu:

*"Warajh ħalla kollox u niżel għalina*
*sabiex jurina*
*it-triq tas-Sewwa,*
*ibegħedna mid-dnewwa*
*u fina titrabba*
*il-vera mħabba*
*għal għajrna w Għalih."*

Dak in-nhar, in-natura wkoll tilbes libsa ġdida – libsa bajda minn fuq s'isfel. Ix xedd imlewwen li jkollha fuqha matul is-sena, fil-Milied, tneħħieh, u floku tilbes l-abjad, sinjal ta' ferħ – tbaxxi rasha b'għelm ta' qima lejn Sidha l-Messija. Għalhekk timraħ kemm timraħ għajn il-bniedem, ma tarax ħlief bjuda, għax kif jgħid l-istess poeta Mejlak:

*"Mgħottija l-ħdura*
*b'mantell ta' silġ abjad miksija n-Natura*
*għax regħxet titlewwen*
*f'dil-lejla ta' ferħ."*

Il-Festa tal-Milied hija bla dubju, festa ta' paċi u ferħ, ferħ li ma tasal li tfissru b'xejn iżda taraħ u tmissu kullimkien. Naturalment dan huwa ferħ qaddis li ma tagħtihx id-dinja, iżda biss it-Tarbija Divina ta' Betlem li twieldet biex tifdi lil kulħadd bla ebda fruntieri, bla ebda differenzi. Il-Milied jgħaqqadna lkoll flimkien, iħassar bosta drabi d-differenzi u d-diverġenzi ta' bejnietna u mill-ġdid jagħmilna ħbieb. Irattab il-qlub iebsa u jreġġa' lura 'l- midneb lejn il-Ħallieq kif jistqarr wisq tajjeb il-Poeta Ġorġ Pisani fil-poeżija tiegħu 'L-Awrikarja' li minnha qed nieħu din is-silta:

*"Kien tilef sliem ir-ruħ u kull mistrieħ*
*qalbu twebbset bħall-blat u tħassret sħiħ.*

*Għalhekk kien ċaħad kollox u kull din*
*U sar jistmerr u jobgħod lill-bnedmin*

……………………………………………

*Il-qniepen bdew idoqqu ferreħija*
*Sabiex ixandru l-bxara mistennija.*

*Mill-orgni kien ġej mewġ ta' għana bnin;*
*kien twieled fuq l-artal Ġesù Bambin.*

……………………………………………

*Imbagħad ħareġ mill-Knisja bniedem ġdid*
*U ħass ġo fih it-tempra tal-ħadid."*

Għalkemm il-poeżija ta' Anton Buttiġieġ tittratta fin-numru kbir tagħha dwar in-natura, madankollu, dan il-poeta Għawdxi mill-Qala ħareġ b'versi tassew sbieħ dwar il-Milied. Anzi huwa jsostni fil-poezija moderna tiegħu 'Il-Milied' li llum il-poplu tagħna qed jara biss f'dawn il-festi, kull xorta ta' tbaħrid u divertiment li ma jixirqu xejn lil dawn il-jiem qaddisa u li ftit li xejn jagħti kas tal-messaġġ t'umiltà u qdusija li ġġibilna magħha din il-festa:

*'Nofs il-lejl……*
*miżegħda ta' tisfir ġej mill-vapuri*
*id-dinja tieqaf*
*in-nies tbus lil xulxin kollha ferħana……*

*Jiġi l-messaġġ;*
*'Alla wera lilu nnifsu*
*lil ftit rgħajja.........'*
*Id-dinja*
*tisma' l-messaġġ*
*'mma wara tkompli ż-żfin, u tibqa' mkebba*
*fil-għelt u fil-kburija.'*

Għall-kuntrarju, Buttiġieġ jixtieq jgħallimna permezz tal-poeżija tiegħu 'Il-Kewkba tal-Maġi' fejn huwa jxebbaħ din il-kewkba mas-satellita, li għandna ninħabbu bejnietna u ngħixu għalenija, waqt li nwarrbu fil-ġenb il-firda u l-gwerra.

*"Ġesù mis-satellita*
*tiegħek ġewwa s-smewwiet*
*int raxxaxt dija kbira*
*li qerdet lill-imwiet.*
*Għallimna Ġesù ċkejken*
*Li s-satelliti tagħna*
*Ma jraxxux semm u caesium*
*'ma ġid u risq u għana."*

Għal bosta l-Milied huwa żmien ta' ferħ u paċi; iżda għal bosta oħrajn il-Milied huwa żmien ta' ipokrisija. Meta f'dan iż-żmien tas-sena, il-pajjiżi fil-gwerra jieqfu għal ftit mill-ġlied bejniethom u jinżgħu l-maskri tal-qerq u jilbsu dawk ta' ħniena, dan kollu jsir biss bi drawwa u mhux bi twemmin. Kif jgħaddi l-Milied, dawn jerġgħu fejn kienu – wiċċ b'ieħor u faċċoliżmu l-iktar ċar. Fin-novella tiegħu 'Hannieqa Ġawhar', Joe Camilleri urina li għal xi whud oħra żmien il-Milied ma hux żmien ta' ferħ ġenwin, iżda okkażjoni għall-ġiri sfrenat f'*discos* u *night clubs*, tbaħrid bla rażan – materjaliżmu u konsumiżmu li tmisshom u tarahom. Is-silta li ġejja teħodna f'night club propju f'dan iż-żmien:

*"Imbagħad telaqha. It-tfajla waqgħet bla ħajja fl-art. Kien fgaha. U fl-għafsa ta' subgħajh felħana, ħarġet il-ġabra ta' mibgħeda għal Vera. Ħares lejn it-tfajla. Ra l-uċuħ imwerwra madwaru. Lemaħ il-bieb. Ġie f'tiegħu. Telaq jiġri bħal għafrid.*

*Barra, l-arja kienet tgħanni l-għanja tal-Milied. Elf bniedem isellem ferħan, ferħ li jidħak illum u għada jinbidel f'għira u mibgħeda. U l-qniepen iċemplu għad-dehra tal-kewkba fis-sema... u l-għada l-kanuni jfajru qerrieda għad-dehra tad-dawl tal-moderniżmu.*

*'Il-Milied it-tajjeb', sellimlu xi ħadd. Ma semax. Waqaf. Ħareġ il-ħannieqa ġawhar minn butu. Infexx jidħak. Leħnu ngħaqad mad-daqq tal-qniepen. Ħassu ħafif bħall-anġli tal-karta mdendla mas-siġra tal-Milied.*

*Ħareġ il-ħannieqa mill-ġdid. Fajjarha ma' l-art. L-ispaga nqatgħet. Iż-żibeġ tferrxu ma' l-art; il-jiem twal fi ġrajjietu kienu nfirdu. L-imgħoddi ndifen u xefaq ġdid iġib ġejjieni aħjar.*

*Il-bieraħ kien jibża' mid-dinja qarrieqa; għada, id-dinja qarrieqa tibża' minnu."*

Fil-poeżija tiegħu, "Sliem Dejjem Żagħżugħ", il-Poeta Xagħri Mons. M'Angelo Apap isostni li ż-żgħażagħ ma jistgħux isibu l-vera paċi qabel ma dawn jiftħu għajnejhom għall-verità u widnejhom għall-messaġġ qaddis tal-Milied. Għalkemm Apap nafu bħala kittieb ta' versi tradizzjonali, din il-poeżija tiegħu hija waħda msejsa fuq linji moderni.

*"F'ġirja bla mistrieħ*
*ħafifa bħar-riħ*
*għaddiet ġemgħa kbira*
*ta' żgħażagħ ħerqana*
*fid-daqq u fil-għana*
*qed tfittex is-sliem*
*u s-sliem.........*
*jitbiegħed.........*
*jistaħba.........*
*jintemm.........*
*Fejn m'hemmx*
*rieda tajba*
*hemm jinbet*
*is-semm.*

*F'nofs lejla xitwija dawl idda sabiħ*
*u Żgħażagħ Smewwija*
*għannew minnufih*
*'Is-Sliem lill-bnedmin*
*fir-rieda tajbin.'*
*U l-ġemgħa żagħżugħa*
*issemmgħet dan l-innu*
*għoġobha w emmnitu*
*għax rat li kien minnu;*
*u f'qalbha ħuġġieġa*
*ħosbiena għarkupptejha*
*illum qed tadura*
*l-imħabba f'maxtura."*

Il-Milied; Lejla ta' tifkira mill-isbaħ li ma tgħaddi u ma tintesa qatt. L-ebda żmien ma jneħħi minn moħħ il-bniedem din il-ġrajja kbira u ewlenija li dwarha min jaf kemm inkiteb, u kemm għad irid jinkiteb. Għalkemm dan it-twelid sar elfejn sena ilu, din hi ġrajja dejjem attwali li tixgħel lill-qlub tagħna bil-ferħ hekk kif mill-ġdid jitgerbu l-ewwel disa' xhur tas-sena. Jerġa' jinħareġ il-presepju, inħawlu l-ġulbiena, narmaw is-Siġra tal-Milied, nixtru l-kartolini, inħejju l-ħelu, nagħmlu t-tiżjin, għax mill-ġdid ikun sa jerġa' jitwieled fostna r-Re tar-Rejjiet, it-Tarbija Divina. Din hija l-ġrajja ta' kull wieħed u waħda minna, ġrajja li tibqa' miktuba b'ittri tad-deheb f'qalb kull wieħed u waħda minna, kbar u żgħar, għonja u fqar, għax kif itenni Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali tagħna:

*"Kif int tersaq ja lejla xitwija*
*sa t-tfal tisraq is-siegħa tas-serħ*
*bla ma jafu l-għaliex, bla ma jridu*
*sa l-għedewwa tissieħeb fil-ferħ.*

*O tifkira ta' hena, ta' ħlewwa.*
*O tifkira ta' rebħa, ta' ġieħ.*
*Lejl imbierek minn Alla, mill-bniedem*
*fost il-ġnus ismek dejjem sabiħ."*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Mons. Andrea Vella (1899 - 1990)

## 2. Ħidmiet u Spiritwalità

Mons. Andrea Vella jibqa' magħruf l-aktar bħala Direttur Spiritwali tas-Seminarju kif ukoll tal-Leġjun ta' Marija.

Mons. Rużar Borg jikteb fuqu b'dan il-mod: "Bħala direttur spiritwali fis-Seminarju, Mons. Vella għen ħafna saċerdoti biex dawn ikunu tabilħaqq saċerdoti spiritwali u qaddisa. Kull ġimgħa, kien ilaqqa' lis-seminaristi u jagħmlilhom diskors ta' natura spiritwali. Id-diskorsi tiegħu kienu jixhdu l-għerf u l-qdusija li kellu, qdusija mibnija fuq l-ispirtu ta' sagrifiċċju, id-devozzjoni ardenti lejn l-Ewkaristija u qima profonda lejn il-Verġni Marija" (Leġjun ta' Marija 1950-2000, p.25). Kellu ħażna ta' kotba spiritwali u minnhom kien jieħu l-ispirazzjoni tat-taħdidiet tiegħu.

Fuq kollox kien missier ħanin u fis-sagrament tal-qrar kien juri mogħdrija. Kien prudenti u għaqli fil-pariri tiegħu. Dan ix-xogħol kien jagħmlu b'interess u ħila kbira tant li bosta saċerdoti wara li kienu joħorġu mis-Seminarju, kienu jibqgħu jikkuntatjawh fil-problemi li jiltaqgħu magħhom.

Kellu mħabba kbira lejn Marija, Ommna tas-Sema. Fl-1 ta' Settembru 1946 kiteb fl-Għawdex fuq "Ix-Xirka Appostolat għat-tagħlim u għat-tixrid tar-Rużarju". Il-pjan kien approvat mill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Pace. F'din l-ittra għamilha ċara li r-Rużarju għandu jiġi mgħallem aħjar u jispiċċa biex jikteb: "Ma għandniex inkunu sodisfatti, qabel ma naraw kull membru tal-familja jkun jaf jgħid ir-Rużarju". Fl-aħħar jagħmel din in-nota: "Min qiegħed jikteb joffri ruħu li jagħti kull għajnuna lil dawk iċ-ċentri li jridu jibdew l-*Adjustat*".

Ħadem ukoll ħafna biex il-Leġjun ta' Marija jidħol fil-gżira ta' Għawdex. Kien l-ewwel direttur ta' l-ewwel *Curia* ta' Għawdex. Meta ġie biex idaħħal il-*Legion of Mary* fiż-Żebbuġ sab problema fuq il-post li fih kellhom jiltaqgħu. Ħall din id-diffikultà billi offra d-dar tiegħu stess biex Dun Ġużepp Ċini seta' jibda' jlaqqa' l-membri.

Mons. Andrea Vella kien ruħ Ewkaristika. Kien iqatta' ħafna ħin quddiem Ġesù Sagramentat. Fl-1966 ħareġ ktejjeb: "*Il Cuore Eucaristico di Ġesù e il Sacerdote*". Fih huwa jesprimi b'mod mill-aktar ħaj li s-saċerdot għandu jkun bniedem li jersaq lejn l-Ewkaristija mimli b'fidi qawwija biex hekk ikun ta' eżempju għall-komunità nisranija.

Ħadem ukoll għall-Opri Pontifiċji Missjunarji. Dan ix-xogħol dam jagħmlu 54 sena. Tant kien imħeġġeġ għall-missjonijiet li kien jorganizza ħidmiet, iħeġġeġ liż-żelaturi u ż-żelatriċi li kienu jgħinuh fil-parroċċi ta' Għawdex kif ukoll lis-seminaristi.

Jalla l-figura tiegħu ta' saċerdot ħabrieki, fis-skiet u dejjem kostanti, ma tintesiex iżda tkun eżempju għalina biex nikbru fil-virtù fil-ħajja ta' kuljum.

***Angelo Xuereb***









*Stedina tal-Papa lill-Patrijarka Grieg*

Fi ġrajja storika f'Ateni, il-Greċja, fis-16 ta' Novembru li għadda, il-kardinal Jean-Louis Tauran, uffiċjalment ħabbar il-pubblikazzjoni ġdida ta' manuskritt antik "Monologu ta' Basilju II" mil-Librerija Appostolika Vatikana. Dan hu test liturġiku jew aġjografiku tal-Knisja tar-rit Grieg, li jmur lura sa mis-sena 985. F'messaġġ lill-Kardinal Tauran, Benedittu XVI qallu biex jinforma lill-Beatitudni Tiegħu Christodoulos, Arċisqof ta' Ateni u tal-Greċja kollha, li jkun pjaċir għall-Papa li jilqgħu f'Ruma biex flimkien juru li ntlaħaq pass ieħor fil-vjaġġ lejn ir-rikonċiljazzjoni u l-koperazzjoni mal-Knisja Ortodossa.

*Id-dinjità umana ma tonqosx minħabba difetti ġenetiċi*

Waqt li laqa' l-parteċipanti għall-konferenza internazzjonali promossa mill-Kunsill Pontifiċju għall-Ministeru tal-Kura tas-Saħħa fil-Vatikan, fid-19 ta' Novembru 2000, il-Papa qal li "id-dinjità tal-bniedem ... ma tonqosx fil-preżenza ta' xi diversità fiżika jew difetti ġenetiċi".

*L-Isqfijiet Kenjani kuntenti b'vot paċifiku*

Il-Kenjani marru jivvotaw fil-paċi f'referendum mistenni ħafna dwar kostituzzjoni ġdida li ġiet proposta. Il-mexxejja tal-Knisja, li kienu kkundannaw il-vjolenza tul il-kampanja u ħeġġew biex il-votazzjoni ssir fil-kwiet, kienu kuntenti bil-mod kif svolġew l-affarijiet fil-jum ta' l-elezzjoni u raw f'dan sinjal ta' demokrazija li qed timmatura.

*Żjara tal-President Iżraeljan*

Moshe Katsav, president ta' l-Istat ta' Israel żar lil Benedittu XVI kif ukoll lill-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat. Tul il-laqgħa, ingħatat attenzjoni għar-relazzjonijiet li żviluppaw bejn Israel u s-Santa Sede, sa mill-bidu tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn iż-żewġ naħat fl-1994. Rigward il-qagħda attwali fl-Art Imqaddsa, il-pożizzjoni tas-Santa Sede favur l-eżistenza u l-kollaborazzjoni bejn żewġ Stati, Israel u l-Palestina, ġiet mill-ġdid imfissra lill-mistieden illustri tal-Papa. Parti kbira mid-diskussjonijiet kienet dwar il-possibbiltà ta' kollaborazzjoni aktar intensa fil-qasam umanitarju, speċjalment fl-Afrika, u fil-qasam kulturali.

*Ġwanni Pawlu II mfakkar mill-Parlament Taljan*

F'ċerimonja sollenni miżmuma fl-14 ta' Novembru, il-Parlament Taljan ikkommemora ż-żjara magħmula tliet snin ilu minn Ġwanni Pawlu II. Tul iċ-ċelebrazzjoni nkixfet lapida li tfakkar il-laqgħa tal-Papa mad-deputati u s-senaturi Taljani. Għall-okkażjoni, Benedittu XVI bagħat messaġġ lil Pier Ferdinando Casini, president tal-Kamra tad-Deputati, li nqara tul iċ-ċerimonja mill-Arċisqof Leonardo Sandri, sostitut għall-Affarijiet Ġenerali tas-Segreterija ta' l-Istat.

*Aktar arresti fiċ-Ċina*

L-awtoritajiet Ċiniżi arrestaw qassis u għaxar seminaristi fit-12 ta' Novembru li għadda, qabel iż-żjara tal-President ta' l-Istati Uniti, George W. Bush. Il-gvern ta' Beijing stabbilixxa mod kif jarresta mexxejja reliġjużi u dissidenti politiċi qabel xi ġrajja importanti li tista' toffri forum internazzjonali għall-petizzjonijiet u protesti.

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

## Għawdxin li għadna niftakru - 29 Minn Pawlu Mizzi

# IS-SINJURA DIMECH

Mhux lakemm l-impressjonijiet ta' tfulitek iħalluk. Jikbru miegħek donnhom id-dell ta' ruħek u ma jitilqukx qabel taqsamhom ma' ħaddieħor. Froid iqabbilhom mal-ħolm. Forsi tassew huma tiġbid ta' l-immaġinazzjoni.

Għalija, imma, biċċiet mid-djarju ta' ħajti. Dokumenti mhux miktuba li jgħallmuni naħseb u nikber. Nirrakkontahom inħossni nitgħarref.

Das-sajf ftaħt qalbi ma' Dun Ġwann Dimech fuq il-mamà tiegħu, is-sinjura Dimech. Tkellimna fuq elf ħaġa: il-kollezzjoni tal-pupi li għamlet b'idejha; il-kura li kienet tieħu tiegħu kemm dam *spiritual director*; l-għajnuna tagħha fir-riċerka għall-ktieb tiegħu fuq Ħal Balzan. L-iktar, imma, fuq ħidmietha f'Għawdex, kif għażlet li tiġi fostna għall-bidu tal-gwerra.

'Storja twila,' qalli, 'Twebblet meta bdejt is-seminarju maġġur. U bejn ix-xewqat tagħha u bejn il-biża tagħna mill-bombi qbadna ħwejjiġna u ġejna noqogħdu r-Rabat. Ma kienx, imma, dak iż-zmien daqshekk faċli.'

Veru, ma kienx żmien faċli dak tal-bidu tal-gwerra!

Anke aħna interni fis-seminarju konna nħossuh. Minkejja l-iżolament minn mad-dinja ta' barra. Għax għalkemm gazzetta ma kienux iħalluna naqraw u lanqas nisimgħu radjijiet, it-tagħrif dwar x'qed jiġri u jingħad madwarna xorta waħda b'mod jew ieħor kien jaslilna. L-iktar bit-tiri tal-maskli minn fuq is-sur u b'Dun Kelment jippassiġġa bla sabar fil-kurituri ma jafx fejn sa jagħti rasu!

Għalina, it-taqlib u ċ-ċaqliq ta' klassijiet u bankijiet kien l-ikbar għors! U l-Ministru meta bgħatna d-dar kważi bdejna nċapcpu. Konna qisna ħerġin għall-vaganzi.

Kien hemm min kien jibża'. Tant, li waqt xi errejd, kif jisma' t-tiri tal-maskli mis-sur kien jiġri jitgeddes taħt mejda u ma joħorġx minn taħtha qabel idoqqu l-qniepen tar-*rejderspast*.

L-iktar, imma, li dejqitna kienet is-sikkatura tal-pulizija. Kif setgħet qatt ommi bi tmint itfal iżżommna ġewwa waqt dawn ir-rejds! Jew, min kien sa jissaporti bit-twieqi u bibien magħluqa!

'Ħoj, l-iċkin dewl tel-lumpe sota jejn l-erjuplunuj,' kien kull darba jwissina Ketutu. *'Tejdewx li jin fitt. Imme, tifthew emkin xħejn tħissuwim addejjin!'*

U biex taħrab il-kwestjonijiet mal-pulizija minħabba fina, wara ftit li għalqet l-iskola, ommi niżżlitna Marsalforn. Ma ninsihx dak is-sajf! Fil-għodu ngħumu u filgħaxija nisimgħu lis-surmastru Salvu jirrakkonta l-istejjer. Jew meta jkun kwinta l-qamar lil Bertu ta' l-*Istran* jgħanni jew iħarref. Wara, imma, kulħadd ġewwa. U bibien u twieqi magħluqa, ibbattattmati biex 'ed-dwol ma jidrewx menn Sqallije u jiġew aline'.

U ma' nofs Settembru, kif kienet sa terġa' tiftaħ l-iskola, erġajna lura d-dar.



Imma, kif irfisna n-naħa tagħna, donnha dħalna f'dinja ġdida: suldati, tankijiet fil-bitħa ta' l-iskola, sodod fil-kurituri tas-seminarju, u uċuħ ġodda kulfejn iddawwar ħarstek.

Fid-dar tagħna kien hemm is-sur Victor Pace bil-familja, għand iz-zija Mananni s-sur Crescuoli b'uliedu l-bniet u b'Johnnie Navarro, l-għarus ta' waħda minnhom, ħdejhom fil-pjazza ta' Sant Wistin, għand Karmena tal-Ferħ, is-sur Gio. Batta Delia bir-razza u r-radika, u għand ta' Rożanna ta' Ragonesi bil-familja. U ħdejna l-Vajrinġa, quddiem l-iskola, fil-lok ta' Toni tal-Mazz il-familja ta' Dimech ma' ta' Catania, u fil-kantina ċerta Rożа, armla li kienet għadha kemm tilfet lil żewġha fuq bastiment tal-gwerra u flimkien ma' bintha Fefina tifla ta' sentejn bilkemm għadha bdiet timxi.

Ir-Rabat kien fil-veru sens tal-kelma kamp tar-refuġjati. Kollha b'kunjomijiet strambi, uħud bi tnejn. Bħal Serracino Inglott, Zammit Gabarretta, u Mifsud Bonnici. U kien hemm ukoll ta' Bajjona, Tirchett, French, Tufigno, Perrone, Glavina u oħrajn.

'Fosthom, dak tas-sinjura Dimech,' għidtlu. 'Ma nsejtha qatt. U kull darba li nsemmiha donni nara lir-reġina Vittorja'.

Dun Ġwann tbissem!

Mara liebsa l-iswed minn taħt għonqha sa truf riġlejja, wiċċ sollenni, b'għajnejn iridu jidħku, lesti biex jilqgħuk; u b'xagħarha mibrum qawwara fuq kurrija ta' rasha.

Kelli bilkemm ħdax-il sena meta rajtha l-ewwel darba. Kienet ġiet toqgħod ftit bibien 'l hemm minnha. U billi kienet midħla tagħna ommi kemm-il darba kienet tibgħatni għandha ngħidilha li kellha telefon. Darba damet ftit, u meta spiċċat titkellem, għajtitli u tatni tmintax irbigħi.

Ħarist lejha u biex nuriha li ma stennejt l-ebda ħlas kont se nerġa' nagħtihielha lura. Hi, imma, bla ma tkellmet, warrbitli idi bil-prudenza u b'għajnejha daħkana urietni li t-tmintax irbigħi kienet għalija u kelli nżommha.

Dak il-ħin iċċassajt inħares f'wiċċha u wara erġajt ħarist lejn il-biċċa tal-fidda li tatni.

Din kienet l-ewwel impressjoni tiegħi tagħha: fattizzi li naqqaxthom fil-fidda qishom tax-xbiha fuq it-tmintax irbigħi li kienet għadha kemm tatni!

U minn dak inhar kull darba li ġiet tmintax irbigħi f'idejja bqajt nisthajjilni naraha fl-istess poża, bħar-reġina tat-toppu (kif kont laqqamtha ta' tfal li kont), rasha imb' ras ma' xi qassis jew soru; jew ġejja u sejra tgħaġġel mis-seminarju; jew tkompli man-nies fil-ħanut tagħhom fejn Savina.

Kienet mara ħawtiela li ma kellhiex sabar tistenna. Iż-żmien għaliha kien deheb u ma kenitx taħlih jekk fit-tiġdid tiegħu kienet tara ġid lil għajrha.

Xeheduli dan Dun Peter Serracino Inglott.

'Il-ħeġġa tagħha għal dan it-tiġdid', qalli, 'kienet tgħaġġibni. Hi għallmitni l-prietka tal-Milied u biha daħlet id-drawwa tagħha f'Għawdex. Sa l-isqof Gonzi kien ġie jismagħha!'

Fl-1940. U s-sena ta' wara tal-Mużew tar-Rabat bdew tagħhom waqt il-purċissjoni bil-Bambin. Il-prietka tat-tfal tal-Mużew kien għamilha Anton Zammit Gabarretta fil-knisja ta' San Ġakbu waqt li dik tas-sinjura Dimech kien għamilha Ugo Mifsud Bonnici fil-knisja ta' Pompej.

Kemm kienet ħadet gost is-sinjura Serracino Inglott x'ħin resaq Mons. Gonzi jifirħilha.

'Dak qassis għad isir,' qaltlu. 'Id-dar ħlief jilgħab bil-knisja ma jagħmilx. Jarma u jżarma l-artal. Daqqa bil-ġilandra ħadra. Daqqa ħamra. U daqqa bajda.'

L-isqof tbissem. U biex jiċċajta qallha: 'Mela dan sagristan sa jsir mhux qassis!'

Kienu nisa ta' l-għaġeb dawn ommijietna! Jifirħu b'kollox. Anke meta jarawk tifraħ!

Kien sempliċi l-Milied ta' żmienna! Novena bil-prietka waqt il-quddiesa tas-sitta ta' filgħodu. U pontifikal f'nofs il-lejl fil Katidral u mota dak inhar tal Milied. U l borża tal-ġellewż taħt l-imħadda għal min ma jkunx imqareb.

X'rivoluzzjoni soċjali siekta għadda pajjiżna dawn l-aħħar 65 sena! Mat-taħlit tan-nies, ta' l-ibliet ma' tal-kampanja, tbiddlu l-ideat, u kollox tqalleb u nbidel bla ma ndunajna!

Lanqas is-sinjura Dimech li tat sehem sħiħ f'din ir-rivoluzzjoni siekta ma kienet indunat.

'Niftakarha,' qalli darba Pawlu Catania li għex fl-istess dar magħha waqt il-gwerra, 'ma kienet qatt tgħid le lil ħadd. Tiġi mara tkellimha fuq uliedha tilqagħha ġewwa, jiġi ġuvni jistaqsiha għal xi siegħa xogħol tgħallmu l-fildigranu, jiġi tallab jitlobha tgħinu taghtih minn dak li jkollha. Ma kienet tagħlaq biebha lil ħadd'.

It-tjubija hi d-DNA ta' ruħha. Tittieħed u ddakkar lil kull min jersaq lejha. Tidħakx bija. Imma anke jien iddakkart minnha.

Lanqas qatt għaddieli minn moħħi biex kien ħiereġ. Pawlu Catania kien dak iż-żmien *emigration officer* responsabbli mill-għażla ta' l-emigranti għall-Awstralja. Għall-Għawdxin kellu *soft spot*. 'Ara li taqrali sewwa quddiem l-Awstraljan,' kien jgħid lil kull wieħed minnhom kif jersqu quddiemu.

'Jem me nofx naqre sinjowr,' ġie li kien jgħidli xi wieħed minnhom.

'Oqgħod kwiet u aqbad il-gazzetta sew,' kont ngħidlu, 'u xħin ngħidlek aqra, ħares lejn il-gazzetta u għid il-Kredu.'

L-Awstraljan kien jieħu pjaċir jisimgħu. U minkejja li ma kienx jifhmu, qabel joħroġ kien jitbissimlu u jgħidlu: *'Well done! Wish you luck.'*

Illum għaddew ħafna snin minn din l-istorja. U ħafna rnexxielhom b'riħet tagħha jsiefru u jagħmlu fortuna. Jalla, anke, mill-fortuna tagħhom tintgħaraf triq it-tjubija. Min jaf x'kien jiġri minnhom kieku dik it-triq Pawlu żammha magħluqa?

Tassew ma nistax ngħid. Dak li nista' ngħid, imma, hu li t-tjubija hija wirt il-qalb kbira. Bħal dik tas-sinjura Dimech.

Ma kenitx il-filantropa ta' fuq il-ġurnali. Ma riedet qatt ritratti. Ħabbet fil-kwiet. U tat mill-qalb minn dak kollu li kellha. Għenet fejn kien hemm bżonn. Ordnijiet u istituti.

Għalhekk, meta qaddes Dun Ġwann is-serbut ta' nies minn darha għal San Ġorġ kien donnu ma jaqta' qatt. U, għalhekk ukoll Għawdex ma nesihiex meta fl-1950 reġgħet lura Malta.

U lanqas jien. Minkejja li t-tmintax irbigħi llum għebet.

Dik l-ewwel impressjoni tagħha bix-xbiha tar-reġina fuqha ma tħassritx. Tidhirli kulfejn nara ħidma ta' tjubija. U ma tgħibx qabel naqsam l-esperjenzi tagħha ma' ħaddieħor.

Forsi, għalhekk, inħabrek biex ma nitlifhiex il-quddiesa tas-sebgħa f'Marsalforn!

Kemm tifkiriet! Ix-xbiha tar-reġina fil-fidda. Is-sinjura Dimech fil-bieb. Il-prietka tal-Milied. Tassew nitgħaxxaq nisma' lil Dun Ġwann jagħmel l-omelija tiegħu. Kliem ftit, imma meqjuż. Bħalma kien l-Imgħallem fil-parabboli. Bl-għan li jgħallem u jxandar il-messaġġ ta' imħabba.

'Għax dan hu r-ragħaj it-tajjeb,' qalilna f'waħda mill-aħħar omeliji li smajtu jagħmel qabel ġejna lejn Malta, 'dak li juri mħabba għan-ngħaġ kollha. U jekk tintilef waħda ma jiddejjaqx iħalli n-ngħaġ l-oħra u jmur ifittixha. U ma jistriehx qabel isibha. U meta jsiba jerfagħha fuq spalltu u jifraħ biha'.

Kif kienet tagħmel is-sinjura Dimech meta t-tallab u kulmin kien fil-bżonn kien imur iħabbtilha biebha! Tgħinu. U tibqa' tgħinu fis-skiet u bil-moħbi biex l-għajnuna li tkun tagħtu sservi ta' ġid għalih u għal ta' madwaru!

**Passiġġata Biblika - 12**

*"... Rajna l-Kewkba Tiegħu tielgħa, u Ġejna Nadurawh."(Mt 2:2)*

# IŻ-ŻJARA TAT-TLIET "SLATEN" MAĠI

**minn Fr. Charles Buttigieg**

## *It-Tliet Slaten Maġi*

San Mattew jitkellem mill-maġi li ġew mill-'Lvant', ifittxu is-'sultan' li twieled, kif bdiet turihom il-kewkba: "Rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nadurawh" (Mt 2:2). Il-kelma 'maġi' ġejja mill-kelma akkadika, 'magu' li tfisser 'wieħed li għandu r-rigali'. Ħafna storiċi fil-bidu tal-Knisja, isostnu li dawn il-'għorrief' jew 'filosofi' kienu mill-Għarabja. Oħrajn isostnu li kienu ġejjin mir-reġjun tan-Nabatej li huwa fil-Ġordan tal-lum u li jinsab fil-lvant tal-Art Imqaddsa. Skond Origine ta' Lixandra fl-Eġittu, dawn il-maġi kienu mnisslin mill-profeta Balaam u għalhekk kienu jħaddnu sewwa l-profeziji messjaniċi tiegħu. Huwa jkompli jgħid li kienu tlieta għaliex tlieta kienu r-rigali li ngħataw lil Ġesù, waqt li Tertulljanu jsostni li kienu tassew slaten.

Skond it-tradizzjoni antika l-ismijiet tat-tliet maġi huma: Gaspar, Melkjor u Baldassar u r-relikwji tagħhom huma meqjuma fil-katidral majestuż ta' Kolonja fil-Ġermanja wara li ttieħdu hemm fl-1164 mill-Knisja ta' San Ewstorġju f'Milan, mill-Imperatur Federiku Barbarossa.

Anke fil-vanġeli apokrafi bħal: il-psewdo-mattew, dawk sirjani, armeni u għarab insibu ukoll rakkonti dettaljati dwar il-maġi, għalkemm xi kultant dawn ir-rakkonti huma kkontaminati minn elementi ta' esaġerazzjoni. L-iktar wieħed minn dawn il-kitba apokrafa li jagħtina tagħrif dwar il-maġi huwa l-vanġelu armen, li jispjega il-fatt kif it-tliet maġi telqu minn postijiet differenti tas-saltniet tagħhom u l-kewkba tlaqqagħhom ma' xulxin u jiskopru li qegħdin kollha jfittxu l-istess persuna, ir-Re tar-rejjiet. Skond din it-tradizzjoni armena, il-maġi kienu r-rejiet tal-Persja, tal-Indja u tal-Għarabja, u li kienu studjużi ukoll tal-kwiekeb. Wara s-seklu 14, il-maġi bdew jiġu kkonsidrati bħala rappreżentanti tat-tliet kontinenti magħrufa f'dik l-epoka, Baldassar għall-Ewropa, Melkjor għall-Asja, u Gaspar ta' kulur skur għall-Afrika. Il-maġi għalhekk kienu ġejjin minn ġnus li ma kienux jagħmlu parti minn Iżrael, imma li bl-intelliġenza u bix-xjenza tagħhom irnexxielhom jgħarfu l-veru Alla.

## *Deheb, Inċens u Mirra*

Il-profeta Iżaija jħabbar digà minn sekli qabel ir-rigali tal-maġi: "Imrieħel ta' iġmla għad igħattuk, l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa; ilkoll minn Saba jiġu, imgħobbija bid-deheb u l-inċens, u jxandru t-tifħir tal-Mulej" (Iż 60:6).

Minbarra l-metal prezzjuż tad-deheb, l-għarab kienu jsejħu ukoll 'deheb' dak ir-reżin aromatiku, tip ta' inċens li kien jintuża għall-artal tal-fwieħa. Infatti fil-Malti l-kelma 'debħa' tfisser 'offerta' jew 'sagrifiċċju'. Seta' għalhekk ifisser dak l-inċens li kien jinħaraq fuq l-artal tad-deheb kif naqraw f'Lq 1:11 u Lhud 9:4. Il-mirra kienet tip ta' reżin tal-lastiku li kien joħroġ miz-zkuk tas-siġar li insibu fl-Għarabja u fil-Ġordan. Kienu jagħmluh trab, bħala inċens kif naqraw fis-Salm 45:8, jew inkella jużaw bħala likwidu għall-fwieħa kif insibu fl-Għanja tal-Għanjiet f'kap 5:13, jew fl-imbalzmar, imħallat maż-żejt (ara Gw 19:39). L-inċens ukoll kien jinġabar mill-pjanti li jinsabu fis-Sud tal-Għarabja, fis-Somalja u fl-Abbisinja u li kien jinħaraq biex jipproduċi l-fwieħa l-iktar fejn hemm is-sagru. Dawn it-tliet rigali tal-maġi għandhom però s-sinifikat tagħhom.

Id-deheb huwa simbolu ta' regalità, għax Ġesù hu tassew mir-razza tas-Sultan David u huwa tassew is-Sultan tas Slaten li jsalva lil kulħadd. L-inċens huwa simbolu tal-ministeru saċerdotali, għaliex Kristu hu tassew is-Saċerdot veru li joffri tassew lilu nnifsu bħala offerta fuq is-salib. L-inċens li x'ħin jinħaraq jitla' 'il fuq, ifakkarna li Ġesù li niżel mis-Sema hu tassew Alla. Il-mirra simbolu tal-misteru tal-inkarnazzjoni għaliex Ġesù sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub u li bata tassew għalina għall-fidwa tagħna. Tfakkarna għalhekk fin-natura umana ta' Sidna Ġesù Kristu.

## *Il-Kewkba ta' Betlehem*

F'wieħed mid-dokumenti li nstabu f'Qumran, intitolat 4Q.Mess., insibu mappa tal-kostellazzjonijiet li kellhom jidhru fiż-żmien tat-twelid tal-Messija. Dan id-dokument



ikompli jsaħħah il-verità tal-maġi fit-tfittxija tagħhom tal-Messija għaliex raw il-kewkba tiegħu. Skond ix-xjentist ġermaniż tas-16 il-seklu J. Kepler, jispjega din il-kewkba tal-maġi għal fatt li bejn is-snin 17 Q.K. u 10 .W.K. il-pjaneti Ġupiter u Saturnu kienu tant qrib xulxin li ħolqu bejniethom dawl kbir u jiddi ħafna. Fil-Bibbja niltaqgħu mal-profezija ta' Balaam fil-ktieb tan-Numri li tgħid: "Għad titla' kewkba minn Ġakobb, u jqum xettru minn Israel" (Num 24:17).

It-teorija ta' kewkba–kometa kienet imsaħħa fl-ewwel sekli minn Origne meta dan jikteb kontra Ċelsju: "Il-Kewkba tal-Maġi kienet ta' l-istess għamla tal-kometi. Jiena qrajt kif il-kometi xi drabi deħru lejlet ġrajjiet ta' ferħ. Hi ħaġa ta' stagħġib li kewkba ġdida deħret fit-twelid ta' persuna li kellha twassal għal bidla hekk kbira fl-istorja tal-bnedmin?". Infatti xi uħud mill-istudjużi jassoċċjaw il-kewkba tal-maġi mal-famuża kometa Halley, għalkemm il-biblisti llum ma jitkellmux minn kometa imma minn kewkba.

It-twemmin assiro-babilonjiż, fil-Mesopotamja kien iħaddan tassew din ir-rabta tal-manisfestazzjoni tal-kwiekeb b'rabta mal ġrajjiet terreni. Insibu ukoll immaġni medjevali li jippersonifikaw il-kewkba tal-maġi fl-immagni ta' 'anġlu'. Infatti l-kelma griega għal 'anġlu' hija 'angelos' li tfisser 'messaġġier'. Fil-Bibbja, l-anġli dejjem iwettqu din il-missjoni ta' messaġġiera ta' Alla sabiex iwasslu l-messaġġ tiegħu. Il-kewkba ta' Betlehem kienet messaġġ ċar għall-maġi li twieled il-Messija.

Meta l-kewkba waslet lill-maġi fuq il-post fejn kien 'it-tifel' (bil-grieg: paidion) wara li kienu għaddew għand Erodi, jidher ċar li Ġesù kellu xi xhur mhux ħażin u ma kienx għadu tat-twelid. Infatti meta Erodi nduna li l-maġi kienu daħku bih, huwa ordna sabiex jinqatlu t-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel ġewwa Betlehem (ara Mt 2:16).

## *Ir-Raba' Re!*

Ir-riċerka ta' dawn is-slaten maġi għall-Messija għandha tkun it-tfittxija tagħna lkoll fil-vjaġġ tagħna li qegħdin nagħmlu f'din il-ħajja. Kull wieħed u waħda minna għandu mela jilbes din il-libsa 'tar-raba' re' sabiex ilkoll flimkien naslu biex insibu tassew lill-Mulej u nadurawh: "Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ tassew kbir. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art jadurawh…" (Mt 2:11).

## *Biblijografija*

Biedermann, H., *Dictionary of Symbolism*, New York 1992.

Brown, R.E., *The Birth of the Messiah*, New York 1977.

Kohlenberger, J.R., NIV. *Compact Concordance*, London – Sydney – Auckland 1993.

Lurker, M., *Dizionario delle immagini e dei simboli biblici*, Cinisello Balsamo (Milano), 1990.

Matthews, V.H., "*Perfumes and Spices*", in *Anchor Bible Dictionary* V, 226-228.

Ravasi, G., *Videro il Bambino e sua Madre*, Milano 1989.

Zuffi, S., *Episodi e personaggi del Vangelo*, I Dizionari dell'Arte 4, Milano 2003.

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's
Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**GRAZZI LIL DAWK LI JIRREKLAMAW FIR-RIVISTA TAGĦNA.**

*Nirrikmandaw il-prodotti jew servizzi tagħhom lill-qarrejja tagħna, waqt li nappellaw lil azjendi oħra biex jgħinuna bir-reklamar tagħhom.*

## ARTIKLI ĠENERALI


Mary Meilak – 100 sena minn twelidha – 30 sena minn mewtha — Jannar p.16

It-Tmexxija ta' Għawdex Matul is-Sekli u Llum (Franco Masini) — Marzu p.15

Monument Ġdid b'Tifkira taż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Għawdex — April p.5

Riżultat ta' l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex tat-12 ta' Marzu 2005 — April p. 8

Il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Kuntest Storiku mal-Papiet ta' Qablu. (Mons Isqof N. Cauchi) — April p.12

Beata Ġdida Madre Crocifissa Curcio – Fundatriċi tas-Sorijiet Karmelitani. Għal Madwar 50 Sena Uliedha Spiritwali Wettqu Ħidma fil-Qasam Edukattiv f'Għawdex (Kan D. Karm Borg) — April p. 24

Il-Pontifikat il-Ġdid tal-Papa Benedittu XVI (Mons Isqof Nikol Cauchi) — Mejju p.10

Ħarsa Lejn Benedittu XVI (Nikol Baldacchino) — Mejju p.13

Ir-Rivista Tagħna Tagħlaq Sittin Sena Ħajja (Kav.Joe M. Attard) — Ġun/Lul p.9

Messaġġ ta' Mons Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tas-60 Anniversarju tar-Rivista — Ġun/Lul p.11

Leħen Jgħajjat Għal Sittin Sena (Franco Masini) — Ġun/Lul p.12

L-Ewwel Editorjal ta' Patri Akkursju Xerri, O.F.M. — Ġun/Lul p.18

Min kienu l-Edituri matul is-Sittin Sena (Mgr Joseph Bezzina) — Ġun/Lul p.19

Il-Ħerqa ta' l-Għawdxin għar-Reġjonalità (Anton Tabone M.P.) — Aww/Set p.10

"Gozo And The Gozitans – Għawdex u l-Għawdxin" (Pamela Xerri) Aww/Set p.11

Il-Poetessa Għawdxija Mary Meylak f'Għeluq il-100 sena Minn Twelidha (Kav J.M. Attard) — Aww/Sett p.16

Kummentarju: Għajnsielem f'Għawdex jew le? (Sindku Frans Cauchi) — Ottubru p. 10

B'Impenn u bi Pjaċir – Mill-assoċċjazzjoni ta' l-NGO's (Antoine Vassallo) — Ottubru p. 12

Assigurajt il-Familja Tiegħek? (Dun Anton Dimech) — Ottubru p. 41

Kummentarju: Deficit ta' Valuri (Franco Masini) — Novembru p.10

Ċimiterji u Funerali – Tagħrif Interessanti għax-Xahar ta' Novembru (Anton F. Attard) — Novembru p. 14

Kollezzjoni ta' Ritratti u Tagħrif ta' 450 Saċerdot Għawdxi (Dun Duminku Camilleri) — Novembru p.14

L-Għannej Għawdxi li Baqa' Jissemma – Għawdex ifakkar lil Fredu Spiteri (il-Levarist) (Kav J M. Attard) — Novembru p.34

Ix-Xewkija Ssellem lill-Bennej tar-Rotunda Ġużepp Vella (Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca) — Novembru p.35

Mons Mario Grech Maħtur Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex — Diċembru p.9

1985-2005: Għoxrin Sena ta' Ħidma f'Għawdex b'risq il-Presepju (Anton Galea) — Diċembru p. 14

Il-Chorus Urbanus: 30 sena ta' ħidma mużikali (George Borg) — Diċembru p.16

Bolli Marjani minn Għawdex għal dan il-Milied (Francesco Pio Attard) — Diċembru p.18

Tarbija Mfisqija f'Maxtura - Meditazzjoni Biblika (Mons Lawrence Sciberras) — Diċembru p. 28

Il-Milied fil-Letteratura Maltija (Kav. Joe M. Attard) — Diċembru p.30


## ARTIKLI TA' MONS ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI


It-Trinità Qaddisa – Misteru Ewlieni (It-Tielet Parti) — Jannar p.24

It-Trinità Qaddisa – Misteru Ewlieni (Ir-Raba' Parti) — Frar p.24

It-Trinità Qaddisa – Misteru Ewlieni (Il-Ħames Parti) — Marzu p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (L-Ewwel Parti) — Mejju p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (It-Tieni Parti) — Ġun/Lul p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (It-Tielet Parti) — Aww/Set p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (Ir-Raba Parti) — Ottubru p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (Il-Ħames Parti) — Novembru p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (Is-Sitt Parti) — Diċembru p.24


## APPREZZAMENTI


Fr Charles Caruana S.J. (Kan. Ġużeppi Cauchi) — Marzu p.33

Mons. Carmelo Scicluna 1931-2005 (Kav Joe M. Attard) — April p.33

Fr Joseph Galdes S.J. (Editur R+M) — Mejju p.33

Dun Jose' Galea (P.Remiz Galea OFM Kapp.) — Aww/Sett p.19

Patri Bonaventura Camilleri OFM Konv (Francesco Pio Attard) — Ottubru p. 19


## BEJNIETNA N-NISA (Susan Mulvaney)


Meta Baby kellha Baby! — Frar p.41

Kif Tikkontrolla Ruħek waqt x-Xiri — Marzu p.41

Dawk is-Sigħat Quddiem it-TV — April p.41

Kif Nibqgħu Dejjem Żgħażagħ — Mejju p.41

Jibżgħu Aktar mill-Brimb milli mit-Terroriżmu! — Ġun/Lul p.41

Il-Ħasil ta' l-Idejn Mhux Ċajta — Aww/Sett p.41


## ĊIKKU L-GĦAWDXI (Diversi)


Kummenti minn fuq il-bank tal-pjazza tar-raħal — Jannar, Frar, Marzu, April p.10

## DJAMANTI TA' GĦAWDEX – Ritratti mill-kollezzjoni ta' Dr. Mario Saliba


Wied il-Lunzjata u Fil-Kampanja — Jannar, Qoxra ta' wara

Ta' Lourdes u San Blas — Frar, Qoxra ta' wara

Niċċa Antika u Wied Binġemma — Marzu, Qoxra ta' wara

Is-Santwarju ta' Pinu u Il-Festa fin-Nadur — Ġun/Lul, Qoxra ta' wara

Il-Bidwi Għawdxi u Xogħol il-Bizzilla — Aww/Sett, Qoxra ta' wara

Il-Mitħna tar-Riħ u Ir-Raddiena tar-Riħ — Ottubru, Qoxra ta' wara

Iċ-ċimiterju ta' Santa Marija ("Tal-Barmil") u ċ-Ċimiterju tal-Kunċizzjoni (Qala) — Novembru, Qoxra ta' wara

Presepji Artistiċi maħdumin mill-Għawdxin — Diċembru, Qoxra ta' wara


## DRAWWIET MISSIRIJIETNA (Anton F. Attard)


Il-Biedja f'Għawdex (Mit-32 sal-41 Parti) — Jan – Diċ p.26


## EDITORJALI (Fr Ruben Micallef – Editur)


Dħalna fis-Sittin Sena — Jannar p.3

Il-Ħila ta' l-Għawdxin — Frar p.3

Insara ta' Nofs Kedda? — Marzu p.3

Id-Dinja kollha wriet Qalbha lejn il-Papa Ġwanni Pawlu II — April p.3

"Nimxu 'l Quddiem... il-Mulej jgħinna - Is-Sintesi tal-Programm tal-Papa Benedettu XVI — Mejju p.3

Sittin Sena Ta' Servizz lill-Knisja u lill-Komunita' Għawdxija — Ġun/Lul p.3

L-Ulied Mera tal-Ġenituri? — Aww/Sett p.3

Għawdex Reġjun jew Maqsum? — Ottubru p.3

Il-Kuxjenza Soċjali... Fejn Se Naslu? — Novembru p.3

Ferħ Doppju! — Diċembru p.3


## FEHMET IL-QARREJJA


Il-Familja... fejn sejra? (Michael Angelo Chircop) — Jannar p.40

Il-Programmi minn Għawdex fuq TVM (Mario Saliba M.D.) — Frar p.33

Insalvaw id-Djalett Għawdxi... (Pawlu Mizzi) — Mejju p.17

Prosit għar-Rivista... xogħol stupend u "layout" impekkabbli... (Lino Cuschieri) — Mejju p.17

Tibdil Mixtieq fir-Rivista (Carmel Cordina) — Ġun/Lul p.14

Prosit għat-Titjib Kontinwu...Imma... (Antoine Vassallo) — Ġun/Lul p.14

Kollha Interessanti! (M'Angela Frendo) — Ġun/Lul p.14

Imqassma Tajjeb! (M'Ann Gauci) — Ġun/Lul p.14

Dehra Sabiħa u Kontenut Sustanzjuż (Sr. Marie Carmel Saliba) — Ġun/Lul p.14

Tislima lil Patri Akkursju (Baruni Kelinu Vella Haber) — Aww/Set p.13

Prosit! Għomor ta' Bniedem... (Mary Puli) — Aww/Set p.13

Naqraha Kollha! (Maria Vella) — Aww/Set p.13

Gazzetta Għawdxija? Xifer x'hiex?... (Dun Anton Sultana) — Ottubru p.11

Ħdejn San Franġisk... Pjaga Enormi (Kav Joe M. Attard) — Ottubru p.11

"The Edge" u "Radio Calypso"... Suġġerimenti (Kav Joe M. Attard) — Novembru p.11

Toroq Imfarrkin f'Għawdex (Ray Pisani) — Novembru p.11

Abbonament Ġdid minn Malta... b'apprezzament għal Għawdex (Joe Gravina) — Novembru p.11

"Il-Bambin" ta' xi Maltin u Għawdxin... (Mons Salv Grima — Diċembru p.11

L-Isqof il-Ġdid ta' Għawdex Mons Mario Grech John Tonna — Diċembru p.11


## GĦAWDEX 300 SENA ILU – Paġna mill-Arkivju Nazzjonali (Mgr Joseph Bezzina)


Gardjola taċ-Ċittadella Mhedda — Jannar p. 23

Dawra mat-Torri ta' Mġarr ix-Xini — Frar p.23

Ħlasijiet ta' Qmuħ — Marzu p.23

Purċissjoni f'ġieħ Santu Liju mill-Matriċi għax-Xewkija — April p.23

Ix-Xema' ta' Venezja — Mejju p.23

"Aħsbu fil-Għawdxin" – Perellos — Ġun/Lul p.23

Ħlasijiet fuq Imgħax — Aww/Set p.23

Bandu dwar iż-żamma tar-Reġistri — Ottubru p.23

Dawra mat-Torri ta' Daħlet Qorrot — Novembru p.23

Il_priedki ta' l-Avvent fil-Matriċi — Diċembru p. 23


## GĦAWDXIN LI GĦADNA NIFTAKRU (Pawlu Mizzi)


Manwil tan-Nunu (21) — Jannar p.34

Tunoj tal-Mozz (22) — Frar p.34

Fonzu u Dolora (23) — Marzu p.34

Dwardu ta' Fittit (24) — April p.34

Mary Mejlak (25) — Mejju p.34

Patri Akkursju Xerri (26) — Ġun/Lul p.34

Salvina Bezzina tal-Qala (27) — Aww/Sett p.34

Ninu Cremona (28) — Ottubru p.34

Is-Sinjura Dimech (29) — Diċembru p.34

## ĠENN ID-DINJA (Miġbura minn Toto')

Jan – Diċ, barra Mejju u Ġun/Lul p.42

## ĦOLM IL-ĦAJJA (Mary Puli)

Tikber u Titgħallem Jannar p.33

Naf Niekol? Frar p.40

L-Indafa f'Persuntek u fl-Ilbies Marzu p.40

Aħrab id-Difetti iż-Żgħar April p.40

Qis Sewwa Kliemek Mejju p.40

Il-Knisja Hi d-Dar t'Alla Ġun/Lul p.40

It-Tagħlim m'Hawnx Prezzu Aww/Set p.40

Ħobb l-Istudju Ottubru p.40

Nitgħallmu Nistudjaw Novembru p.40

## IL-ĦAJJA FID-DJOĊESI (Dun Renato Borg Sem Joseph Curmi/Sem Maximillian Grech)

Jan - Diċ p.4

## INT U SAĦĦTEK (Dr. Mario Saliba)

L-Ikel Organiku u l-Ikel GM Jannar p.38

Il-Ħxuna fit-Tfal Frar p.38

L-Artrite Marzu p.38

Il-Ħajja Umana fl-Ewwel Siegħat Tagħha April p.38

L-Allerġiji mill-Ikel Mejju p.38

"Bon Voyage' Ġun/Lul p.38

Is-Sewqan Mingħajr Periklu Aww/Set p.38

It-Titjira H5N1 Qed Toqrob Lejn l-Ewropa? Ott p. 38

L-Ulċeri ta' l-Istonku Novembru p.38

## KTIEB X'TAQRA – Riċensjonijiet ta' kotba reċenti (Diversi)

Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi., "It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja minn Piju IX sa Ġwanni XIII" – 3 Volumi (D.Anton Dimech) Jannar p.22

Carlo Carretto., "Kitbiet mid-Deżert" trad. ta' Mons Albert Curmi. (Kav. Joe M. Attard) Frar p.22

Mons Lawrenz Sciberras., "Prezz il-Fidwa Tagħna" (Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca) Marzu p.22

P.Donat Spiteri., "Ħenjin Intom..." (Mons. Salv Grima) April p.22

Lumen Christi Publications., "Is-Sena ta' l-Ewkaristija" (Mons Salv Grima) Mejju p.22

Joan Caroll Cruz., "Mirakli Ewkaristiċi" trad. ta' D.Ġorġ Mercieca (Kav Joe M. Attard) Ġun/Lul p.22

Francis Sultana., "Minn Qtar Ħaddejk f'Għajn Salem" (Kav Joe M.Attard) Aww/Set p.22

Mons Nikol Ġ. Cauchi., "Pariri Spiritwali ta' Don Bosco" (Angelo Xuereb) Ottubru p.22

Dun Anton Sultana., "B'Suffraġju Lill-Erwieħ tal-Purgatorju" (Fr Charles Buttigieg) Novembru p.22

Patri Gwido Schembri OFM, Lejn is-Sema Pajjiżna Vol 1 & 2 (Fr. Charles Buttigieg) Diċembru p.22

## LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA (Ġorġ N. Cassar)

La Tagħmilha man-Nies! Frar p.16

L-Gżira: Il-Mostru b'Għajnejh Ħodor Mejju p.15

Tidħak jew Tinkwieta... Ottubru p.16

## L-INTERVISTA / ESPERJENZI (Dun Eddie Zammit)

Qamħ ħaj fl-Għalqa tal-Mulej – L-Ispigolatriċi fi-Xagħra Jannar p.12

Żejt taż-Żebbuġa u Limunċell Għawdxi Frar p.12

Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Munxar Marzu p.12

MaltaTel – Jibdew f'Għawdex fi Żmien Qasir Aww/Sett p.14

Pellegrinaġġ Għawdxi fl-Italja f'Għeluq is-Sena ta' l-Ewkaristija Ottubru p.14

Prodotti Għawdxin minn Talenti Ġodda fl-Arti jew "Crafts" Novembru p.12

Il-Milied f'ta' Sannat Diċembru p.12

## MILL-KNISJA FID-DINJA (Kapp. D. Edward Xuereb)

Aħbarijiet Insara mid-Dinja Kattolika Jan-Diċ p.33

## PASSIĠĠATA BIBBLIKA (Fr. Charles Buttitgieg)

Il-Ktieb ta' Qohelet Jannar p.36

Il-Bniedem Midneb fit-Testment il-Qadim Frar p.36

Iċ-Ċaħda ta' Pietru fil-Passjoni ta' Kristu fid Dawl tal Analiżi Retorika Bibblika Marzu p.36

Il-Poplu Ġdid ta' Kristu fl-Ewwel Ittra ta' San Pietru April p.36

Il-Ministru ta' Alla – Is-Saċerdozju fil-Kotba Mqaddsa Mejju p.36

L-Ewkaristija fil-Vanġelu ta' San Ġwann Ġun/Lul p.36

Il-Parabboli ta' Sidna Ġesù Kristu Aww/Sett p.36

L-Istedina għall-Mejda tal-Ħaruf Ottubru p.36

Il-'Mewt' li Fdiet il-'Ħajja' Novembru p.36

Iż-Żjara tat-Tlett Slaten Maġi Diċembru p. 36

## POEŻIJI – VERSI RIFLESSIVI (Diversi)

Lix-Xatt t'Għawdex
(Francis Sultana) Jannar p.19

Agnes Gonxha Bojaxhiu – Madre Teresa ta' Calcutta
(Francis Sultana) Frar p.19

Golgota
(Kan Joe Meilak) Marzu p.19

Sursum Corda
(Mons. Gius. Farrugia Gioioso) Marzu p.19

Ma Mmutx, Imma Ngħix – Tislima lill-Papa Ġwanni Pawlu II
(Francis Sultana) April p.19

"Habemus Papam" – Fil-Ħatra ta' Benedittu XVI
(Francis Sultana) Mejju p.19

L-Għanja tas-Sittin
(Kav Joe M. Attard) Ġun/Lul p.16

Ġublew tad-Djamanti ta' "Il-Ħajja f'Għawdex"
(Francis Sultana) Ġun/Lul p.16

It-22 ta' Ġunju
(Mary Meylak) Ġun/Lul p.16

Il-Vitorja
(Mary Meylak) Aww/Set p.18

Lill-Madonna: Insejt Insellimlek!
(Mary Meylak) Aww/Set p.18

Rita
(Francis Sultana) Ottubru p.18

Katrina
(Francis Sultana) Ottubru p.18

Nafu Sew
(Francis Sultana) Novembru p.19

Sabar
(Francis Sultana) Novembru p.19

"Il-Kif" u "'L-Għala"
(Francis Sultana) Novembru p.19

Il-Ballata tal-Bniedem tal-Ħobż
(Joe Psaila) Diċembru p. 19

## RIFLESSJONIJIET MIĠBURA MINN A.C.M.

"Tħallix il-Ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb" Jannar p.20

L-Erba' Sfidi ta' Żmienna Frar p.20

Il-Kurċifiss Hu Soluzzjoni għall-Problemi tat-Tbatija Marzu p.20

Il-Messaġġ ta' l-Għid huwa wieħed ta' Ferħ, Paċi u Tama April p.20

Benedittu XVI – Papa Ġdid b'Tamiet Ġodda Għall-Futur tal-Knisja Mejju p.20

L-Istampa Kattolika Baqa' Bżonnha? Ġun/Lul p.20

Fl-Iskola ta' Marija fis-Sena ta' l-Ewkaristija - Il-Mara ta' l-Ewkaristija Aww/Set p.20

Għaliex ir-Reliġjon anke fl-Iskejjel? Ottubru p.20

Il-Mewt Ma Għandiex l-Aħħar Kelma! Novembru p.20

L-Avvent: X'Sens Baqagħlu? Diċembru p.20

## SPORT F'GĦAWDEX

Festival ta' l-Arti Marzjali Jannar p.41

Għajnsielem jergħu Champions wara 31 Sena Mejju p.42

Inawgurazzjoni ta' Faċilita' Sportiva oħra ta' Kwalita' f'Għawdex Ġun/Lul p.42

Maratona Sportiva ta' Suċċess fil-Kumpless Sportiv tas-Seminarju
(Joe L. Xiberras) Novembru p.41

## 'STATUS QUO'

Statistika u Prospettiva dwar Għawdex u l-Għawdxin il-ħarġiet kollha barra Ġun/Lul u Diċembru p. 9

## TIEQA FUQ L-AMBJENT GĦAWDXI

Iċ-Ċittadella
(Graziella Vella) Jannar p.30

Il-Belveder – Ġawhra Naturali tal-Qala
(Jessica Xerri) Frar p.30

L-Għadira ta' San Raflu – Ġawhra Naturali ta' Kerċem
(Gabriel Gauci) Marzu p.30

In-Niċeċ fil-Belt Victoria
(George Camilleri) April p.30

It-Torri ta' Mġarr ix-Xini
(Maria Grima) Mejju p.30

L-Għerien fix-Xagħra
(Diane Theuma) Ġun/Lul p.30

Daħlet Qorrot – Ġawhra Moħbija fin-Nadur
(Simone Buttigieg) Aww/Sett p.30

Postijiet ta' interess fil-Qala
(Maureen Cauchi) Ottubru p.30

Id-Dwejra – Sabiħa għax Unika
(Phillip J. Cachia) Novembru p.30

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA (Anglu Xuereb)

Ġużeppa Debono (1883-1956) – Min Kienet Jannar p.32

Ġużeppa Debono (1883-1956) – Ħajja Altruista Frar p.32

Ġ. Debono (1883-1956) – Il-Ħajja Spiritwali Tagħha Marzu p.32

Mons Alwiġ Vella (1859-1928) – Profil fil-Qosor: Min Kien? Apri p.32

Mons A. Vella (1859-1928) – Ħidma Favur il-Madonna Mejju p.32

Mons A. Vella (1859-1928) – Jibni l-Knisja ta' Savina Ġun/Lul p.32

Mons Alwiġ Vella (1859-1928) – Iwaqqaf l-Opri Ewkaristiċi f'Savina Aww/Set p.32

Mons Alwiġ Vella (1859-1928) – L-Istampa t-tajba Ottubru p.32

Mons Andrea Vella (1899-1990) Novembru p.32

Mons A. Vella (1899-1990) - Ħidmiet u Spiritwalità Diċembru p.32

## X'ĠARA DAN L-AĦĦAR (Lelio Spiteri)

Aħbarijiet minn Għawdex Jan-Diċ p.6

# Closer to YOU than ever

## At APS Bank we are always getting closer to your needs




Now, more than ever, with several branches and ATMs throughout Malta and Gozo, we are closer to you.

Today we offer a wider network serving a range of customised products and services.

APS bank

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

The Bank You Want Us To Be

www.apsbank.com.mt

# Djamanti ta' Għawdex

## PRESEPJI ARTISTIĊI MAĦDUMA MILL-GĦAWDXIN



Waqt ix-xogħol fuq tliet presepji kbar fil-ħanut ta' l-arti sagra "Original Creations" ta' Charlie u Jennifer Camilleri fin-Nadur

Dettal minn presepju kbir artistiku, ta' l-istess koppja Camilleri, li qed jiżżanżan din is-sena u jinsab għall-wiri għand Herman Mifsud f'"Malverno", Pjazza Madonna ta' Loretu, f'Għajnsielem

